# dawl Franġiskan

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



NOVEMBRU 2008 – IT-28 SENA – GĦADD 284 – NEWSPAPER POST – IISN 1811-5373

















3 **Ix-Xahar tal-Ħajjin**
Editorjal

4 **Ħosegħa u Gomer**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
minn P. William Axiaq OFMCap

8 **Ħsibijiet fuq San Pawl (3)**
minn Fr Martin Micallef OFMCap

10 **Kuba - L-Uragan Ike**
minn Fr Philip Cutajar OFMCap

12 **Tweġiba**
minn P. William Axiaq OFMCap

13 **Il-Kuruna ta' Titus Brandsma!**
minn Fr. Michael Galea

14 **Imellisa mill-Kenja**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap,
Isqof tad-Djoċesi ta' Malindi, il-Kenja

15 **Poeżija**

16 **Il-Kapuċċini f'Malta IX**
minn Winston L. Zammit B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.

18 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

19 **Saħħtek**
minn Dr Josef Micallef MD, MRCP(UK)

20 **Novella**
minn Emily Barabaro-Sant

21 **O.F.S.**
minn Fr Godfrey Zarb OFMCap

23 **Vokazzjoni**

26 **Il-Bolol ta' Malta (9)**
minn Tony C. Cutajar

28 **Nifhmu 'l Uliedna**
minn Fr Joseph Calleja OFMCap

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Xmun il-Kangħani u Ġuda Taddew - Dixxipli ta' Ġesù**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Pajjżaġġ Għawdxi fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini, limiti tax-Xewkija, li n-natura offrietilna fid-disinn tal-Ħallieq.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap

**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037


*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*


© Dawl Franġiskan 2008
Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# IX-XAHAR TAL-ĦAJJIN

Normalment aħna mdorrija nassoċjaw ix-xahar ta' Novembru mal-mejtin. Żjara saċ-ċimiterju malajr iġġagħlna nintebħu kemm dan huwa tabilħaqq minnu. F'dan iż-żmien partikulari ċ-ċimiterji tagħna jkunu miksija bil-gzuz ta' fjuri u xemgħat li jdawlu l-oqbra. Imma l-ħajja hija oqbra, sarkofagi, xemgħat u fjuri għall-mejtin?

Novembru huwa x-xahar li jħejjijna għall-ħajja tassew. Fil-liturġija tal-funerali hemm frażi li ġġibna f'sensina: **"Quddiem Alla kulħadd jgħix"**. Mela quddiem Alla mhemmx mewt, imma qawmien. Kulħadd se jgħix għalkemm id-destinazzjoni mhux se tkun ta' kulħadd xorta. Se jkun hemm min se jqum għall-ħajja ta' dejjem. U b'xorti ħażina, għal min jibqa' jiċħad lill-Mulej sa' l-aħħar se jkun hemm il-qawmien tat-telfien dejjiemi. Għalkemm ma' din ir-realtà xokkanti hemm marbuta magħha ċerta biża', il-kelma ta' San Pawl għandha timliena b'kuraġġ kbir. **"Ma tafux li l-ġerrejja fl-istadju kollha jiġru, imma l-premju wieħed jirbħu? Iġru, mela, ħalli tirbħuh"** (1Kor 9:24). Fl-istess test, San Pawl ikompli jħeġġiġna li l ħajja għal dejjem tagħna mal-Mulej hija bil-wisq aqwa minn kull premju li nistgħu nieħdu f'din id-dinja. **"Kull atleta jiċċaħħad minn kollox, u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma aħna, waħda li ma tidbiex"** (1Kor 9:25).

Interessanti li għal San Pawl li tgħix għal dejjem tfisser li tmut għad-dnub. Dan narawh b'qawwa fl-ittra tiegħu lir-Rumani: **"Il-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub"** (Rum 6:6). Bħalma jgħallimna Ġesù nnifsu: **"Tassew tassew ngħidilkom, li kull min jagħmel id-dnub huwa lsir tad-dnub"** (Ġw 8:34). Id-dnub iwassal għall-mewta tal-ispirtu. F'dan id dawl, ix xahar ta' Novembru, forsi iktar mix-xhur l-oħra tas-sena, ifakkarna fl-għażla importanti u urġenti li rridu nwettqu: li nagħżlu lill-Mulej. Il-ktieb tad-Dewtoronomju jqaxxrilna din l-għażla: **"Il-ħajja u l-mewt, li jien illum qegħedt quddiemek, il-barka u s-saħta. Agħżel il-ħajja biex tgħix int u nislek"** (Dt 30:19). Ma kienx dan l-għan aħħari għalfejn Ġesù ġie fostna? **"Jiena ġejt biex ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra"** (Ġw 10:10). U għal din il-ħajja ta' **"l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan"** (Gal 5:22-23) Ġesù ħalla ħajtu fuq is-salib.

Nagħmlu kuraġġ u nibqgħu nagħżlu din il-ħajja ħalli ngħixu bil-kotra għax ngħixu fih li ħabbna u ta ruħu għalina! (Gal 2:20). •

# Mikal

## BINT IR-RE SAWL

**Waħda min-nisa li magħhom hemm marbut ċertu seħer hija Mikal, bint is-sultan Sawl. Hemm imlaqqma magħha ġrajja romantika daqskemm ukoll traġika minħabba l-fidi tagħha. L-isem ta' Mikal huwa miktub sbatax-il darba fil-Bibbja u l-aktar li jinsab huwa fl-ewwel u t-tieni ktieb ta' Samwel u fl-ewwel tal-Kronaki.**



### KARATTRU MAGĦLUQ

Fil-Bibbja Mikal donnha tidher bħala mara passiva ħafna, li titkellem biss għaliha nfisha. Madankollu mill-ftit kliem tagħha, wieħed għandu materjal biżżejjed biex jifhem il-karattru ta' Mikal. Tant li wieħed jasal biex joħroġ diversi sitwazzjonijiet differenti u li kull waħda minnhom turi aspetti differenti. Dawn id-diversi kwadri jgħinu ħafna biex wieħed joħroġ il-karattru tal-persuna nvoluta fix-xena.

L-ewwel mod ta' kif Mikal hija ppreżentata għandha x'taqsam ma' l-imħabba. **"Mikal bint Sawl kienet tħobb lil David"** (1Sam 18:20). Aktar 'il quddiem imbagħad wara li s-sultan David jaħrab minn Sawl, Mikal, il-mara ta' David, ġiet mogħtija **"lil Paltin bin Lajs minn Gallim"** (1Sam 25:44).

It-tieni moment f'ħajjet Mikal huwa dik l-osservazzjoni xejn f'postha li għamlet **lil David meta dan żifen quddiem l-Ark tal-patt. "Kemm kien sabiħ illum is-sultan ta' Iżrael, mikxuf quddiem għajnejn in-nisa tal-qaddejja tiegħu, bħalma jinkixef raġel bla ġieħ"** (2Sam 6:20). Din kienet osservazzjoni mimlija għira u li tweġġa ħafna.

F'ħajjet Mikal wieħed jasal biex jinnota r-rabta qawwija tat-tribù ta' Ġuda u Benjamin. Dan mela jfisser rabta ta' bejn David u Sawl. Wieħed mill-karattri ta' Mikal joħroġ ċar minħabba r-raġuni li hija kienet prinċipessa. Mikal kienet ġejja minn familja aristokratika, u dan mhux biss għaliex missierha kien sultan, imma wkoll għaliex kienet familja tat-tajjeb. Dan kollu però, kif jiġri ħafna drabi, wassal biex dgħajjef ħafna l-karattru ta' Mikal u waqqħet fil-fsied. Hekk allura l-prinċipessa Mikal aktar kienet mara passiva milli attiva, kienet mara li tħobb tpaċpaċ u dan fejn suppost li kellha tiskot, taħrab mir-responsabbiltà fejn kienet tant meħtieġa.

### MIKAL U DAVID

Mikal kienet ġejja minn familja aristokratika, madankollu meta quddiemha rat liż-żagħżugħ David, fuq tiegħu, diġà eroj, għaliex qatel




Sawl u David idoqq l-arpa.

lill-ġgant Golija, Mikal dritt inġibdet lejh, xejn ma qagħdet targumenta għax hu kien ragħaj ġej minn Betlehem u mhux mill-belt ta' Ġerusalemm. U hekk allura r-rabta mad-dar ta' Sawl kompliet issaħħet u dan għaliex bejn David u iben Sawl, Ġonatan diġà kien hemm teżisti ħbiberija qawwija u sinċiera. Issa din il-ħbiberija se tkompli tissaħħaħ biż-żwieġ.

Mikal ħafna drabi qatt ma għamlet xi ħaġa minn jedda, imma baqgħet sa l-aħħar mumenti fidila lejn żewġha David. Tant hu veru dan, li Mikal kienet lesta li tqarraq b'missierha dejjem minħabba żewġha David. Dan seħħ tassew, meta Mikal ħarrbet lil żewġha David mid-dar biex jeħles mir-rabja ta' Sawl, rabja li setgħet wasslet għall-mewt. U dan Mikal għamlitu b'riskju kbir għal ħajjitha. **"Imbagħad Mikal niżżlet lil David mit-tieqa, u dan qabad u telaq u ħeles"** (1Sam 19:12).

Din il-ġrajja tal-ħarba ta' David tixbaħ ħafna lil dik ta' Laban u Ġakobb meta dan tal-aħħar ried jiżżewweġ lil Rakel, imma min fuq ingħata l-ewwel lil Lija (Ġen 31:34). Dawn iż-żewġ ġrajjiet huma l-uniċi fil-Bibbja fejn wieħed jasal biex iqarraq b'missieru stess favur żewġu. Fiż-żewġ eżempji, ir-rabta tar-raġel ma' martu hija hekk kbira u qawwija li tisboq kull rabta oħra. Din l-għaqda ta' bejn Mikal u David baqgħet sa l-aħħar.

Hemm ġrajja oħra importanti fil-ħajja ta' Mikal u sewwa li wieħed isemmiha. Dan huwa ż-żwieġ sfurzat ta' Mikal lil Palti bin Lajs. Wieħed jista' jimmaġina l-emozzjonijiet li Mikal ħasset matul iż-żmien li għaddew flimkien. Mikal ma rribellat kontra ħadd, anqas ma ttantat li tagħmel xi suwiċidju bħalma fil-fatt għamel missierha s-sultan Sawl. Setgħet ipprotestat kontra xortiha, imma minn barra turi ħaġa u minn ġewwa tagħmel oħra.

## BIDLA KBIRA

Kien hemm teżisti differenza kbira bejn l-ewwel laqgħa ta' Mikal ma' David u t-tieni laqgħa li saret snin wara. F'Mikal saret bidla l aktar kbira, bidla fil-qalb u fl emozzjonijiet tagħha; dak li kien baqa' fiha kien biss il-qoxra ta' barra.

Dan kollu jiġi pprovat mill-ġrajja tal-laqgħa li saret bejn Mikal u David, laqgħa li turi fil-beraħ żewġ kulturi totalment differenti minn xulxin. Meta rat lil żewġha David jiżfen quddiem l-Arka tal-Patt u daħket bih, dan kien ifisser li hija ma fehmet xejn mit-tifsira tal-Arka u xejn anqas mir-rispett li David kien qed juri lejha. Dan li seta' kkonfonda lil Mikal f'din l-okkażjoni kien il-fatt li David inkixef quddiem il-qaddejja tiegħu. Iżda biex inkunu preċiż ma' kulħadd, sewwa li ngħidu li kull ma għamel David kien li neħħa l-efod minn fuqu.

Minn hawn għalhekk jidher il-karattru differenti ta' bejn David u martu Mikal. Għal Mikal, il-fatt li David inkixef kien ifisser umiljazzjoni kbira, wieħed li qiegħed jitbaxxa quddiem l-oħra. Veru li David kien sultan, però r-renju ma' kienx jixraqlu. Kien bniedem ġej minn familja baxxa u fqira. Hekk ikkonkludiet Mikal, bint is-sultan Sawl. David ma seta' qatt jaħbi l-emozzjonijiet li kien qed iħoss quddiem l-Arka tal-Patt. U dan Mikal assolutament ma setgħetx tifmhu! Allura ppruvat titkaża bih.

Is-sultan David min-naħa tiegħu xejn ma ta' kas tal-konklużjonijiet ta' martu Mikal. David kien jara f'Mikal mhux min hi, bħala persuna, imma lil min kienet tippreżenta, jiġifieri d-dar ta' missierha Sawl. David kien iżomm sħiħ li l-għażla ta' l-akbar għoli waqgħet fuq xi ħadd sempliċi bħalu, bniedem ta' qalb kbira u umli, lest li jifhem, jagħder u jaħfer. Fl-istess ħin David kien dak il-bniedem li jifraħ u juri esternament il-ferħ tiegħu. Il-logħba ta' żewġt uċuħ ma kienet qatt f'qalb David.

F'dan il-kuntest mela jidher sew id-differenza bejn iż-żewġ karattri dak ta' David u martu Mikal. Il-kuntrast ta' dawn iż-żewġ persunaġġi jidher fl-aqwa tiegħu fit-tilwima li nibtet bejniethom, tilwima bejn il-familja aristokratika ta' Sawl u dik sempliċi ta' Ġessi minn Betlehem. Qalb Mikal kienet tassew maqsuma u dan għaliex David qatt ma seta' jkun kollu kemm hu tagħha. Ir-ragħaj David ma setax jaqbel perfettament ma' Mikal, u hi qatt ma setgħet taċċettah kif kien. Bniedem magħżul u midluk fuq l-amar ta' Alla biex permezz tiegħu timxi sħiħ għalkemm fost tant tfixkil u tgħawwiġ l-istorja tas-Salvazzjoni. •



# TELESKOPJU FUQ IL-ĦAJJA

**Se naqraw xi riflessjonijiet li għandna bżonn naħsbu fuqhom sew. Forsi ma tantx aħna konxji minnhom. Il-kitba li ġejja tgħinna, ħalli mil-lum 'il quddiem nifħu għajnejna beraħ, biex la ninqabdu fl-ingann ta' ideat perikolużi u lanqas nibqgħu xhaħ u limitati ma' Alla fl-istqarrija tal-fidi tagħna.**

## PRIVATIZZAZZJONI FIR-RELIĠJON

Il-kelma privatizzazjoni saret kelma li tgħallimnieha bl-amment daqskemm intużat fuq il-mezzi tax-xandir, l-aktar fl-aħbarijiet. Dan l-aħħar f'pajjiżna, biex nagħti eżempju, kien hawn ħafna diskussjonijiet tradjonjonistiċi dwar il-privatizzazzjoni tat-tarzna. Issa l-kelma privatzzazzjoni qed norbtuha wkoll mar religjon. F'liema sens? Hawn ħafna li huma tal-fehma li wieħed għandu jasal biex jemmen dak it-twemmin reliġjuż li jkun wasal għalih indipendentement minn kull Knisja, sinagoga jew denominazzjoni. Fil-każ tagħna bħala kattoliċi li għandna l-Knisja – kolonna u pedament tal-verità (1Tim 3:15) - li tmexxina għas-salvazzjoni ta' dejjem, dan mhux ħaġa oħra ħlief il-mod kif wieħed ikisser id-depożitu tal-fidi.



Il-privatizzazzjoni fir-religjon mhix ħaġa oħra għajr li wieħed joħloq reliġjon għalih, għax iħoss li ma għandux għaliex ikun magħqud ma' komunità ta' fidi.

Maż-żmien il-persuna li tiddelitta bil-privatizzazzjoni tar-religjon tibda tinduna li qed ifittex biss dak li jaqblilha, l-interessi egoistiċi tagħha u mhux dak li jitolbu minnha r-raguni u l-fidi. Tibda tintebaħ li bil-mod il-mod qed tarmi kollox, sakemm tasal biex ma temmen xejn u biex tagħmel lilha nnifisha l-kejl ta' azzjonijietha. Dan ifisser li mhux reliġjon tkun qed toħloq għaliha nnifisha, imma libertineġġ, relattiviżmu kiefer li mbagħad ijassarha u jirrendiha bla sinsla, bla prinċipji u bla valuri.

Kristu waqqaf il-Knisja bħala parti minnu. Minħabba din ir-raġuni li Santu Wistin jitkellem mill-Knisja bħala Kristu sħiħ fil-kitbiet tiegħu. Ma nistgħux inkunu miegħu bla ma nkunu mal-Knisja. Il-bniedem għandu bżonn indispensabbli tal-Knisja inkella jibda jopra fl-għama u jagħmel ħafna żbalji li jirvinawlu ħajtu. Il-Knisja tgħallimna nirbħu kull sens ta' arbitrarjetà fil-fidi u fl-imġiba tagħna għall-ġid tagħna stess.

> **Mulej, agħtini l-umiltà u d-doċilità biex inħalli l-Knisja tiegħek tmexxini hi fi kwistjonijiet delikati ta' twemmin u ta' prattika morali, ħalli ma nsibx ruħi fl-iżball.**

## ADATTAMENT KIEFER

Ninsabu f'diskussjoni taħraq dwar jekk id-divorzju għandux jidħol jew le fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Qed nisimgħu u naqraw minn kollox. Xi wħud minn dawk li huma favur id-divorzju b'ġisimhom u ruħhom, kif ngħidu bil-Malti, qed iħambqu speċjalment fuq il-mezzi tax-xandir - il-pulpti ta' llum - li għandna nadattaw ruħna maż-żminijiet u ma' l-esiġenżi tas-soċjetà ta' llum. Għal dawn il-kejl tal-liġi jiddependi mill-kultura, kif ukoll minn dak li titlob minna s-soċjetà li nkunu qed ngħixu fiha. Din hija dittatura ġdida li qed nagħlqu għajnejna għaliha daqslikieku xejn. Ara kemm aħna boloh u kemm inħobbu 'l min iridna skjavi!



Il-kwistjoni tad-divorzju hija materja prinċipalment morali u l-morali ma tiddependix la mill-mentalità tal-maġġoranża tan-nies, la minn x'jgħidu l-opinjonisti li tgħidx kemm qed jippontikaw fuq it-televixin, lanqas mill-ħtigijiet tas-soċjetà u lanqas minn dak li jgħidu ċertu ċawl huma u jperċu fehmiehom ħdejn Bieb il-Belt. Il-biċċa tad-divorzju tiddependi biss mil-liġi eterna ta' Alla li d-divorzju ma jridux, jobgħodu bil-kif (Mal 2:16). Niftakru kemm Ġesù ma tħarrikx ħarira fil-kwistjoni tad-divorzju. Għamilha ċara fuq li ċara li min jħalli lil martu/żewġu biex jiżżewweġ mara/raġel ieħor, ikun ħati ta' adulterju (Mt 19:3-12).

Ir-raġel li jiddivorzja lil martu u forsi jgħaddi minn diversi żwiġijiet, bla ma jinduna jkun qed igħix poligamija mtawwla. Flok ikun qed igħix ma' diversi nisa fl-istess ħin, ikun qed igħix magħhom fi żminijiet differenti. Mara li tiddivorzja minn żewġha u tiżżewweġ diversi drabi tkun qed tipprattika l-poliandrija mtawwla. Minflok tkun qed tgħix ma' diversi rġiel fl-istess waqt – ħaġa li tmur kontra n-natura - fil-fatt tkun għexet magħhom fi żminijiet differenti.

Dak li għadni kemm għedt jidhirli li jikkonfermah il-Papa Ġwanni Pawlu II fid-dokument tiegħu dwar il-familja fid-dinja ta' llum magħruf bħala Familiaris Consortio.

**Mulej, għinni ħalli ma nimxix max-xejra ta' din id-dinja, iżda nkun kapaċi ninbidel skond it-tiġdid ta' fehmti, biex isehhli nagħraf x'inhi r-rieda tiegħek, x'inhu li jogħġob, x'inhu perfett (Rm 12:2).**

## ACHIEVEMENT SOCIETY

Qabel konna ngħidu: **"Għidli ma' min tagħmila u ngħidlek x'int."** Ftit ilu konna qed ngħidu ma' filosfu kbir Ġermaniż: **"Għidli x'tiekol u ngħidlek x'int."** Konna ngħidu wkoll: **"Għidli x'taqra u ngħidlek x'int."** Illum il-ġurnata l-affarijiet inbidlu ħafna. Fil-preżent l-espressjoni li hawn tiċċirkula hija din: **"Għidli x'inti tikseb, u ngħidlek x'int."** Ilkoll kemm aħna għaġinna ħaġa waħda magħna l-prinċipju bażiku: **"Jien jien daqskemm nipproduċi."** Din il-ħaġa saret ossessjoni fil-proprju sens tal-kelma. Sirna morda biha.

Illum ma trid xejn biex tkun tielgħa jew nieżel fuq xi *escalator* f'xi mitjar u taqra xi espressjoni bħal din: ***"It is a crime not to excel."*** Ara jekk jaqrawha ċerti tfal xi brainwashing tista' tagħmlilhom espressjoni daqshekk influwenti.

Ninsabu f'kultura teknoloġika. Persuni li donnhom ma għandhomx inklinazzjoni naturali għat-teknika b'dak li qed jingħad qed iħossuhom disadattati. Xi wħud qed jgħidu: **"Għidli tużax il-mobile, il-computer, l-internet, il-*play station* u tafx tagħmel email u ngħidlek x'int. Jekk taf tużahom u qed tużahom inti l-bniedem ta' llum, jekk le inti bniedem ta' barra minn żmienu."** Illum hekk sirna nitkellmu, diżgrazzjatament.

Il-bniedem huwa bniedem mhux daqskemm jaf juża l-mezzi teknoloġiċi ta' llum u jaf jipproduċi affarijiet bihom. Il-bniedem huwa bniedem daqskemm jaf jiddeċiedi sewwa fil-ħajja tiegħu; daqskemm jaf jidħol f'komunikazzjoni li tibni mal-oħrajn kull fejn ikun; daqskemm huwa ħieles fl-għażliet li jagħmel, speċjalment etiċi u morali; daqskemm jaf iħobb, daqskemm hu kapaċi jmexxi lilu nnifsu u ma jħallix il-passjonijiet jilgħabu bih; daqskemmhuwa kapaċi jinfetaħ għall-grazzja ta' Alla... L-affarijiet l-oħra kollha jiġu wara dan li għadni kemm għedt. Il-bniedem prinċipalment la huwa moħħ u lanqas dirgħajn. Għandu ħwejjeg iżjed sublimi minnhekk. •



**Mulej, ġagħlni nifhem li jien kbir quddiemek mhux għax kapaċi nagħmel dik il-ħaġa jew l-oħra, imma għax jien iben adottiv tiegħek.**



# ĦSIBIJIET FUQ SAN PAWL (3)

# "TWELIDT FIL-POPLU TA' IŻRAEL, MIT-TRIBU TA' BENJAMIN, LHUDI MIL-LHUD" (Fil 3:5)



**Pawlu twieled u trabba bħala Lhudi tajjeb. Biżżejjed għalina jekk naqraw dak li huwa kiteb fl-Ittra tiegħu lill-Filippin, fejn jistqarr kif ta' tmint ijiem għamlulu ċ-ċirkonċiżjoni, biex b'hekk daħal jagħmel parti mill-poplu ta' Iżrael skond ma kienet titlob il-Liġi, u li kien "mit-tribu ta' Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi" (Fil 3:5).**

Bħala Lhudi Pawlu kien jemmen li hemm Alla wieħed biss (ara Dewt 6:4), li ismu huwa YHWH u li dan wera lilu nnifsu lil Mosè fis-siġra taqbad tal-għollieq (ara Eż 3:14-15). Minħabba li l-Lhud dejjem emmnu li Alla ħa bosta inizjattivi fl-istorja, huma fissru t-twemmin tagħhom fih permezz ta' bosta rakkonti. Hekk juru r-rakkonti tal-ħolqien li fihom Alla huwa ppreżentat bħala dak li ħalaq kollox tajjeb. Iżda minħabba li l-bniedem dineb billi m'obdiex lil Alla, il-bniedem ġie kkastigat. Alla mbagħad għażel lil Abraham u wiegħdu nisel kbir, jiġifieri, il-poplu ta' Iżrael.

Alla ħareġ lil dan il-poplu mill-jasar tal-Eġittu. Dan hu l-istess Alla li wera lilu nnifsu lil Mosè fuq is-Sinaj, u hemmhekk daħal f'Patt mal-poplu ta' Iżrael (Eż 19:3-6). Min-naħa tiegħu, Alla kien wiegħed li se jieħu ħsieb lil Iżrael, filwaqt li dan il-poplu wiegħed ubbidjenza lejn il-Kmandamenti ta' Alla, kif imfissra fil-Liġi tiegħu. Wara li mexxiehom fid-deżert, il-Mulej tahom Art li huwa kien wiegħedhom, fejn hemmhekk huwa kompla jikkomunika magħhom permezz tal-Profeti. Il-Mulej Alla baqa' jieħu ħsieb u jmexxi lil dan il-poplu, iżda huma min-naħa tagħhom wrew ruħhom bħala poplu ta' ras iebsa u li dinbu tant drabi. Kien għalhekk li Alla ppermetta li dan il-poplu jitkaxkar fl-Eżilju mill-għedewwa

tagħhom, liema ġrajja ġiet interpretata bħala kastig ta' Alla (ara Isa 30:1-5; 8-14). Iżda l-Mulej ħafer lil dan il-poplu u ġabu lura mill-eżilju biex b'hekk wera ruħu bħala Alla ħanin u twajjeb. Minkejja li l-poplu baqa' jidneb, Alla baqa' juru lilu nnifsu bħala Alla fidil lejn il-wegħdiet tiegħu għax ried li dak li kien wiegħed jitwettaq tassew: dawk il-Lhud li jibqgħu ubbidjenti lejn il-Liġi kellhom jiġu ppremjati, biex b'hekk il-poplu ta' Iżrael jerġa' jikseb il-paċi u l-ġid taħt il-ħakma tan-nisel tas-Sultan David (ara Isa 11:1-9).

It-tmlem ta' din l-istorja kellu jistenna żmien futur. Dan iż-żmien kellu jasal biss meta Alla jerġa' jwaqqaf mill-ġdid is-saltna tiegħu fuq l-art. Dakinhar ma jkunx hemm aktar ribelljoni kontra Alla filwaqt li l-ħolqien kollu kellu jkun ubbidjenti lejn Alla. It-tmiem għalhekk kien ifisser kastig jew premju. Għal dawk li kienu diżubidjenti lejn il-Kmandamenti ta' Alla, Jum il-Mulej kellu jfisser jum ta' ġudizzju u ta' rabja (ara Ġoel 2:2).

Dan hu t-twemmin Lhudi li Pawlu trabba fih u li tgħallem sa minn ċkunitu. Meta Pawlu ġie kkonfrontat minn Kristu rxoxt fit-triq ta' Damasku dan ma kienx ifisser li huwa ma baqgħax Lhudi jew li kien abbanduna t-twemmin tiegħu. Pawlu ma kkonvertix mill-Ġudaiżmu. Minflok, huwa ġie msejjaħ lejn twemmin li jistqarr lil Ġesù Kristu bħala l-Messija mwiegħed, u għalhekk twemmin li juri kif kienu qed jitwettqu l-wegħdiet kollha ta' Alla fil-persuna ta' Ġesù Kristu rxuxtat.

Il-fidi ta' Pawlu ġiet iffurmata f'dan il-kuntest tat-twemmin Lhudi li fih huwa trabba. Huwa kompla jemmen f'Alla ta' missirijietu, filwaqt li baqa' jistmerr kull qima mogħtija lil idoli, tant illi meta huwa mar ixandar l-Evanġelju lill-Pagani, huwa kellu jipperswadihom sabiex **"iduru lejn Alla u jitilqu lil idoli biex jaqdu lil Alla ħaj u veru"** (1Tess 1:9). Huwa f'dan il-kuntest ta' twemmin f'Alla wieħed biss u veru, li l-messaġġ tiegħu dwar Ġesù Kristu, bħala l-Iben mibgħut tal-Missier, seta' jagħmel sens.

Għal Pawlu, il-qawmien ta' Ġesù kienet tfisser ġrajja li qalbet ta' taħt fuq l-effetti tad-dnub li aħna writna bid-dnub tal-ewwel ġenituri tagħna (ara Rum 5:15-21). Għal Pawlu issa kien żernaq żmien ġdid (ara 2Kor 5:17). Bħala konsegwenza ta' dan, Pawlu baqa' jemmen ukoll li Alla kien wera lilu nnifsu lil Mosè u li l-Liġi li kienet ġiet mogħtija lil Iżrael permezz ta' Mosè kienet waħda qaddisa, ġusta u tajba (ara Rm 7:12). Iżda Pawlu issa emmen ukoll li Alla wera ruħu b'mod aktar sħiħ f'Ibnu Ġesù Kristu (ara 2Kor 3:10; 4:4). U jekk fl-imgħoddi Alla kien tkellem permezz tal-profeti, issa l-kliem tagħhom kellu jiġi nterpretat fid-dawl tal-persuna ta' Ġesù Kristu.

Għal Pawlu, mela, Alla ma kienx abbanduna l-poplu tiegħu. Kif jikteb fl-Ittra lir-Rumani: **"tagħhom hija l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet; tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom, li skond il-ġisem, ħareġ Kristu"** (Rm 9:4-5). Pawlu jinsisti li Alla kien żamm il-wegħdiet tiegħu (Rm 9:6). Il-wegħdiet li huwa kien għamel ma' Abraham issa kienu ġew imwettqa fil-persuna ta' Ġesù Kristu.

Skond Pawlu, kien permezz ta' Ġesù Kristu li issa nfethu toroq kbar u wiesa' ta' kif għandna naqraw u nifhmu l-Iskrittura, li sa dak iż-żmien li fih għex Pawlu kienet tikkonsisti biss f'dak li aħna l-Insara llum insejħulu t-Testment il-Qadim. Dan hu l-kontribut kbir li ta Pawlu fl-ewwel snin tat-twelid tal-Knisja, meta huwa kiteb l-Ittri tiegħu qabel ma nkitbu l-Evanġelji. Kien Pawlu li beda jagħti kontenut lit-twemmin tagħna fil-persuna ta' Ġesù Kristu meta huwa għaqqad it-teoloġija li huwa kien tgħallem ma' dak li Ġesù Kristu kiseb għalina bil-mewt u l-qawmien tiegħu. •

## EMAIL LILL-EDITUR

*Għadni kemm qrajt l-artiklu ferm interessanti dwar Is-Sena Pawlina li deher fil-ħarġa ta' Awwissu-Settembru tar-rivista "Dawl Franġiskan" miktub mill-ħabib tiegħi Fr Joe Buttigieġ, liema artiklu kien imnebbaħ mill-kliem tal-Kardinal Andrea Cordero di Montezemolo. Fost affarijiet oħra laqatni l-kliem: "Il-Knisja qiegħda titlob minna mpenn sħiħ u trid tiegħigħna biex lil hinn mill-festi solenni u folkloristiċi, wirjiet artistiċi, drammi, lejliet letterarji jew mużikali u iktar, li wieħed jista' jagħmel f'ġieħ San Pawl, nerġgħu naqbdu f'idejna l-Ittri li hu kiteb, naqrawhom, nitolbuhom, nistudjawhom, ħalli nsiru midħla iżjed tal-qaddis, tat-tagħlim tiegħu, tal-ħsieb tiegħu, tal-fidi tiegħu, tal-esperjenza sħiħa tiegħu ta' Ġesù Kristu..."*

*Wara li qrajt dan il-kliem mill-ewwel ġietni f'rasi rivista oħra maħruġa mill-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin, u cioè "Kliem il-Hajja", u għidt bejni u bejn ruħi: kemm kien ikun ħsieb sublimi li kieku d-Direzzjoni ta' din l-aħħar rivista ħadet l-ispunt mill-istess kliem tal-Kardinal Montezemolo u bbażat il-kitbiet u l-ħsibijiet tagħha għax-xhur ta' matul is-sena minn Awwissu li għadda sa Lulju tas-sena d-dieħla fuq l-ittri ta' San Pawl u mhux kompliet bil-kitbiet u ħsibijiet ibbażati fuq is-Salmi. Nixtieq nissuġġerixxi li d-Direzzjoni ta' Dawl Franġiskan tgħaddi l-messaġġ lid-Direzzjoni ta' Kliem il-Hajja sabiex għall-ewwel żewġ ħarġiet tas-sena d-dieħla tibbaża l-qari u l-ħsibijiet tagħha fuq il-kitba ta' San Pawl allavolja dan diġà sar fis-snin l-imgħoddija.*

*Qiegħed ukoll nibgħat kopja ta' din l-email lid-direzzjoni ta' Kliem il-Hajja.*

*Inselli għalikom u nirringrazzjakom tas-servizz li qegħdin toffru lill-qarrejja tagħkom.*

***Louis Caruana***



# L-URUGAN "IKE"

## Siltiet mill-appell ta' Fr Philip Cutajar OFMCap, Missjunarju f'Kuba

Halla ħerba. Minn kull fejn għadda qered u ġarraf. Mietu sebgħa, tnejn minnhom minn Santa Clara, id-djoċesi fejn ninsab jiena. Huwa kkalkulat li ġġarrfu aktar minn 444,000 dar, 80% tad-djar tal-injam li jeżistu f'Kuba.

Matul il-ġranet tal-urugan ġew evakwati minn djarhom kważi tliet miljun ruħ għax ilkoll għandhom (jew aħjar kellhom) djar perikolużi sabiex tgħix fihom. Kważi miljun minnhom għadhom evakwati għax id-djar li għandhom jew iġġarrfu totalment (320,000) jew għad jonqoshom ħafna tiswija qabel ma jidħlu joqogħdu fihom. Hawnhekk f'Santa Clara ġew evakwati 30,000 ruħ. 15,000 minnhom, 50%, sfaw bla dar. Tista' timmaġina aktar mill-populazzjoni ta' Malta mingħajr djar, mingħajr għamara, mingħajr kċina sabiex isajru u jieklu, mingħajr ilbies. Tilfu kollox. Ma' dan hemm Il-qerda Il ġrat fl-għelieqi. M'għandniex x'nieklu... kollox inqered. Il-kwantità kbira ta' ilma ġarr il-ħamrija bil-prodotti kollha. Mietu l-annimali li ma kienux protetti tajjeb. Għalhekk għal ħafna żmien se nbatu l-guħ.

Diġà b'effett taż-żewġ urugani: GUSTAV u issa IKE l-affarijiet qed jogħlew. Għola l-petrol u d-diesel (kwazi 100% aktar), u qed jogħlew

l-ftit prodotti tal-ikel li hemm fis-suq. L-iskarsezza dejjem hekk tagħmel: il-prezzijiet jogħlew. U jidher li dan se jdum ħafna... Hemm min jgħid li għandna 'l fuq minn sena hekk. Mhux faċli tibda mill-bidu tirranġa l-għelieqi u tiżrgħa mill-ġdid u tistenna sakemm jikber u tieħu l-frott. Bħalissa qed nieklu galletti bil-ġobon għax anki l-furnara m'għandhomx tqiq. L-ekonomija Kubana, li diġà hija ferm batuta, issa żgur li marret il-baħar. M'hemmx flus sabiex jinbnew mill-ġdid id-djar li ġġarrfu. Huwa kkalkulat li l-ħsara li ġrat tammonta għal fuq minn 15-il elf miljun dollaru. Sa issa l-Gvern irċieva mhux aktar minn 7 miljun dollaru minn pajjiżi ġirien.

Aħna wkoll ġratilna l-ħsara. Is-saqaf tal-parroċċa ta' Santa Ana nfetaħ u qegħdin nippruvaw nirranġaw ħalli nkunu nistgħu niċċelebraw il-quddies. Id-dar fejn noqogħdu taru l-pjanċi tas-siment tas-saqaf u daħal ħafna ilma. L-Isqof se jgħinna sabiex nirranġawh għax qegħdin norqdu b'saqaf miftuħ. Nirirngrazzjaw lil Alla llum ma għamlitx xita għalhekk qed nippruvaw nixxuttaw l-ilma li daħal u naħslu l-ħwejjeġ. Matul il-urugan, it-tnejn fit-8 ta' filgħaxija ċemplulna fejn qalulna li l-bieb prinċipali tal-knisja qed jinfetaħ. Il-riħ waqqa u kisser il-firrol ta' fuq u l-bieb beda jinfetaħ. Li kieku kellu jinfetaħ kollu l-qawwa tar-riħ li kienet tidħol fil-knisja u kienet ittajjar is-saqaf kollu tagħha li huwa magħmul mill-pjanċi taċ-ċiment. Imma aħna, jiena u Father ta' 75 sena li għandi miegħi, inżilna pront fil-knisja u poġġejna żewġ bankijiet u xkejjer tax-xaħx li kellna ppreparati u b'hekk il-bieb żamm milli jkompli jinfetaħ sakemm għadda l-urugan.

Hemm djoċesijiet li ġarrbu ħsarat agħar minn tagħna. Iġġarrfu



diversi knejjes u kappelli, kif ukoll djar tar-reliġjużi – rġiel u nisa. Iġġarrfu teatri u djar ta' kultura. Il-Gvern ħareġ ordni fejn mhux se jagħti permessi għall-bini ta' djar jew bini ieħor ġdid sa Jannar tas-sena 2009. Tant hemm skarsezza ta' materjal li l-Gvern irid li l-materjal tal-bini li hemm jiġi kollu nvestit sabiex jittranġaw id-djar u bini ieħor li ġġarraf. Il-Gvern ukoll ħareġ ordni sabiex ma jsirux festi ta' massa fejn normalemnt fihom jintefqu ħafna flus. B'eċċezzjoni ħalla biss żewġ okkażjonijiet li ilhom li ġew ippjanati. Dawn huma: **l-beatifikazzjoni tal-ewwel beatu Kuban - padre Ollalo Valdez - fid-29 ta' Novembru u l-inawgurazzjoni tal-kattedral Ortodoss Russu f'La Habana**. Il-gvern min-naħa tiegħu ħassar il-festi u l-laqgħat oħra li kellu ppjanati fuq livell ta' massa. Hija mossa tajba kemm bħala sinjal ta' solidarjetà kif ukoll bħala mizura ta' ekonomija.

Il Knisja Kattolika kienet u qiegħed minn ta' quddiem nett sabiex tgħin lill-vittmi taż-żewġ urugani. F'kull parroċċa saret ġabra ta' ikel, ħwejjeġ, żraben, spare parts u oġġetti oħra maqgħuda mal-bini u mhux inqas flus sabiex dawn permezz ta' CARITAS CUBA jintbagħtu fl-inħawi l-aktar milquta. Hija tassew xiħaga sabiħa u li ssaħħrek tara lill-fqar jgħinu lill-fqar. Meta fqir jgħin lil min huwa ifqar minnu hija turija ta' għeruq Evanġeliċi ħajjin. Anki fil-parroċċa fqira tagħna ta' Santa Ana għamilna l-ġabra tagħna sabiex nuru s-solidarjetà tagħna ma' min huwa f'pożizzjoni agħar minn tagħna. U n-nies kienu ġenerużi u taw l-offerti ċkejknin tagħhom. Kull qatra tgħin. Jiena lin nies sabiex nanimahom dejjem ngħidilhom: ***"Fqir kemm inti fqir, ftakar li fid-dinja dejjem hemm xiħadd li huwa ferm ifqar minnek"***.

Jekk tkunu tafu b'xiħadd li jkun irid jgħin għidulu li jista' jmur fl-HSBC Bank - Ħaż-Żebbug stess u hemm jistaqsi għal Bank Account 044 023 968 050 li qiegħed fuq ismi, Fr Philip Cutajar - bħala responsabbli tal-Maltese Capuchin Cuba Mission Fund. Kull għajnuna hija ferm apprezzata u Alla jirrikompensa bil-mitt darba aktar għal dak li nagħtu f'ismu.

Grazzi ferm għall-appoġġ tagħkom speċjalment permezz tat-talb.

Il-Mulej jagħtikom kull sliem. •



Patri jiena raġel miżżewweġ inkwetat ħafna. F'dawn l-aħħar snin ma kienx possibbli minħabba raġunijiet finanzjarji li nkabbru l-familja. Il-mara kienet teħodli rasi biex inġibu l-aħħar tarbija fid-dinja, imma jien dejjem għedtilha li mhux il-waqt. Meta s-sitwazzjoni kienet favorina biex inġibu ħlejqa oħra fid-dinja u ddeċidejna li nġibuha, malli saret taf li harġet tqila, sabitni u qaltli: *"Issa qtajt xewqti. Millum 'il quddiem rajk f'idejk fiż-żwieġ. Jekk tkun trid toħroġ ma' mara oħra, oħroġ u toqgħodx tħabbel rasek minni."* Għal dan kliemha ksaħt, għax ma kontx qed nistennieh minnha, għax tgħidx kemm hi mara sew. Minn dakinhar li qalithuli 'l quddiem, tlift il-paċi u l-interess kollu li kelli fil-familja, u qed inħossni mitluf, ma nafx fejn se naqbad naghti rasi. F'qagħda bħal din x'għandi nagħmel?

# Patri William iwieġeb...

*Ksaħt inti meta smajt lil martek tgħidlek dak il-kliem iblah li qaltlek u ksaħt jien ukoll meta rċevejt l-ittra tiegħek u qrajtha. Possibbli li hawn miżżewġin li jaslu jgħidu kliem bħal dak lil żewġhom jew lil marthom? Bilfors li hawn, diżgrazzjatament.*

*Meta qrajt l-ittra tiegħek, f'qalbi għedt li hawn miżżewġin nisa li żżewġu mhux biex ikollhom raġel u ulied, imma biex jinqdew b'raġel, ħalli jkollhom tfal permezz tiegħu. Jekk dan hu l-każ, allura nistgħu nifhmu kemm hawn irġiel imweġġgħin u kemm hawn nisa li minn għalihom huma miżżewġin, meta fil-fatt m'huma xejn. Barra minnhekk, nistgħu nifhmu wkoll għaliex f'ċerti żwiġijiet hawn ħafna nkwiet fir-relazzjonijiet ta' bejn mara u raġel.*

*Minn dak li għedtli ninduna kemm f'ċerti żwiġijiet hija nieqsa d-delikatezza, l-edukazzjoni, iċ-ċiviltà, il-manjieri. Mara edukata qatt ma tasal tgħid lil żewġha kliem bħal dak li qaltlek martek, wara li kellkom tarbija oħra. Kemm qabel it-twelid tat-tarbija kif ukoll wara kien imissha għożżitek iżjed bħala żewġha u t-tarbija li twelditilkom offritilha okkażjoni ġdida, biex lilek tħobbok aħjar milli qatt ħabbitek bħala żewġha. Imma jkolli ngħid li fost xi miżżewġin għad baqa' ċerta injoranza li tagħmel għajb liż-żwieġ tagħhom, iżjed u iżjed meta suppost qed jgħixu ż-żwieġ tagħhom illum.*

*Għandek raġun titħawwad, tinfixel u titlef kull direzzjoni fiż-żwieġ tiegħek, jekk martek qaltlek bis-serjetà l-kliem li ktibtli fl-ittra li bgħattli. Jiddispjaċini għalik. Mara għaqlija qatt ma tħajjar bi kliemha lil żewġha biex jaqlibilha, għax fl-aħħar tkun ħadet mingħandu dak li kelli f'moħħha li tieħu. Tkun hija stess li titfgħu f'ħalq il-lupu. Mara għaqlija tiġbdu iżjed leljħa lil żewġha wara li tkun ħelset u dejjem tagħtih preferenza fuq l-ulied. Qatt ma tumiljah bi kliemha u twaqqgħalu l-personalità tiegħu.*

*Barra minn hekk, ikollni ngħidlek ukoll li f'ċerti żwiġijiet jeżisti mard mentali, miżżewġin li moħħhom ma jaħdimx b'mod normali. Ċerti deċiżjonijiet strambi li jieħdu jikxfu dan kollu. F'dan il-każ, il-persuna li tkun ikollha bżonn għajnuna professjonali li mhux dejjem faċli teħodha minħabba l-ispejjeż li tista' tinvolvi.*

*Xi trid tagħmel? Mhux faċli ngħidlek. Dak li nista' ngħidlek huwa dan: hu ftit paċenzja b'martek forsi dak li qaltlek - għalkemm qatt ma kellha tgħidulek - qalithulek bla ħsieb ta' xejn, f'mument meta ma kinetx f'postha għalkollox, jew għax għamiltilha xi ħaġa int u nsejt x'għamiltilha. L-imġiba ħelwa tiegħek magħha għandha twassalha biex tirrealizza kemm għamlet ħażin meta qaltlek dak li qaltlek. Dan għandek tagħmlu iżjed u iżjed meta qabel qatt ma qaltlek kliem iebes bħalma qaltlek dan l-aħħar. Almenu hekk għandi nifhem.*

*Issa ppermettili ngħidlek l-aħħar ħaġa. Ma kontx se ngħidilek, imma reġa' bdieli u se ngħidilek. Naf li inti raġel tal-affari tiegħek u qatt m'inti se tagħmel il-ħażin, għax ħaddieħor ikun ħajrek għalih. Imma aħna bnedmin u ċertu kliem li jgħidilna ħaddieħor u bih iferina – iżjed u iżjed jekk ikun għażiż għalina – għandu qawwa kbira fuq id-deċiżjonijiet tagħna. Ara ma tmurx taħseb li martek tagħtek permess tagħmel dak li hu ħażin ħafna, għax imur kontra l-fedeltà fiż-żwieġ. Martek qatt ma tista' tagħtik il-liċenzja biex tagħmlilha tort bħal dan. Qed ngħidlek hekk għax iltqajt ma rġiel miżżewġa li għamlu dak li għamlu għax kienet il-mara stess li nibxithom għalih.*

*Nispera li l-mara fi żmien qasir tintebaħ bl-iżball li għamlet u titolbok skuża.* •

# IL-KURUNA TA' TITUS BRANDSMA!





**Kienet is-sena 1881. Fil-Frisia, fl-Olanda, lill-koppja Brandsma twieldet tarbija-tifel u semmewhTItus. Ta' tmlntax-ll sena daħal fl-Ordni Karmelitan u ġie ordnat saċerdot fl-1905. Għamel ħafna mill-istudji tiegħu fl-Università Gregorjana, Ruma.**

Ta' bniedem intelliġenti u li jemmen fl-edukazzjoni kattolika tal-"intelligentia", impenja ruħu bis-sħiħ biex jgħaddi l-konvinzjonijiet tiegħu lil dawk li 'l quddiem setgħu jkunu l-mexxejja tal-Knisja, il-mexxejja tal-istat, il-professjonisti, eċċ. Seta' jaħdem man-nies sempliċi, iżda għażel li jaħdem mal-għorrief. Fl-1923, inħatar professur tal-filosofija u tal-istorja tal-mistiċiżmu f'Università Kattolika. Fl-1935, kien maħtur bħala konsultur ekkleżjastiku tal-ġurnalisti kattoliċi - hu kien wieħed minnhom.

Mela l-ideoloġija nażista kienet rabbiet għeruqha sewwa fil-Ġermanja u Patri Titus Brandsma beda jikkumbatti din l-ideoloġija, li kienet ideoloġija kontra l-bniedem. Biex insemmi ħaġa waħda biss mill-ħwejjeġ degradanti li wettqet, kulħadd kellu jqis lir-razza Lhudija bħala razza "sub-umana"! U għalhekk ġara dak li ġara: madwar sitt miljun Lhudi u Lhudija, kbar u tfal, f'saħħtihom jew morda, saċerdoti u mhumiex, ġew maqtula fil-kmamar tal-gass! X' ġara? Patri Titus Brandsma kien qed ifixkel din l-ideoloġija, li kif diġà għedt, kienet tmur kontra l-bniedem u għaldaqstant tmur ukoll kontra Alla, għax il-bniedem huwa xbieha t'Alla.

X'ġara? Patri Titus Brandsma ġie maqbud mill-Gestapo u deportat fil-kamp ta' konċentrament ta' Dachau. Kien ikun imsawwat u abbużat kuljum. Tant iddgħajfet saħħtu li ġie mibgħut fl-infirmerija tal-kamp tal-mewt. Fis-26 ta' Lulju 1942, fettillu Jaghtl l-kuruna ll blha klen Jgħld ir-rużarju lil waħda nurse. Din in-nurse, kattolika, kienet tilfet il-fidi u spiċċat waħda min-nurses qattiela ta' Dachau. Qaltu din in-nurse: **"X'nambiha dil-kuruna?! Jiena ma nemminx!"** Irrispondiha Patri Titus: **"Almenu, għid: Itlob għalina midinbin."** Ftit wara din in-nurse tagħtu injection bil-velenu u Patri Titus Brandsma miet dak il-ħin stess. Snin wara, din in-nurse reġgħet lura għall-fidi kattolika u fuq inizjattiva tagħha stess, tat xhieda fil-proċess tal-beatifikazzjoni ta' Patri Titus Brandsma. Xi ħadd qal: **"Hi tagħtu l-velenu u hu taha l-kuruna tar-rużarju u l-konverżjoni!"** •



## Ħa nagħtu lil xulxin ftit pariri prattiċi biex ir-rużajru ngħiduh aħjar:

1. Ninġabru. Importanti ħafna s-skiet estern u intern.
2. Inżommu f'moħħna u f'qalbna l-preżenza t'Alla u tal-Madonna.
3. Ma' kull posta nistgħu naqraw silta żgħira mill-Iskrittura li jkollha x'taqsam mal-ġrajja li nkunu qegħdin nimmeditaw.
4. Nagħtu ntenzjoni partikulari lir-rużarju jew lil kull posta li nirreċitaw.
5. Inġibu quddiem għajnejna x-xena tal-ġrajja li nkunu qegħdin nikkontemplaw u nħossu lilna nfusna preżenti, qegħdin nieħdu sehem fiha.
6. Nippruvaw inħossu dak li ħass Ġesù jew li ħasset Marija fil-ġrajja li nkunu qegħdin nimmeditaw.
7. Jekk nitolbu r-rużarju fi grupp, hemm il-Mulej fostna. *"Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġburin f'ismi hemm jien inkun f'nofshom."*
8. Imabgħad jekk inkunu fi grupp tgħin ħafna strofa kant bejn posta u oħra.
9. Nippruvaw ngħixu u npoġġu fil-prattika xi ispirazzjoni li tiġina aħna u ngħidu r-rużarju.
10. Għandna kemm għandna x'nagħmlu, insibu ħin għar-rużarju u ngħiduh regolarment.



# TMELLISA MILL-KENJA

1. Fis-soċjetà tassew Afrikana tfal iltiema ma jeżistux! It-tfal m'humiex t'ommhom u missierhom weħidhom, għax dawn ukoll ħadu l-ħajja mingħand ħaddieħor. It-tfal huma ta' nieshom kollha u allura mqar tar-raħal. Jekk imutu l-ġenituri, it-tfal jiġu assorbiti minn nieshom u jikbru ma' wliedhom.
2. Fil-pajjiż ta' 30 miljun ruħ l-għadd ta' djar tax-xjuħ hu mill-inqas. M'hawnx xjuħ? Le, m'hawnx xjuħ weħidhom. Ix-xiħ ikompli jgħix ma' wliedu sa l-aħħar. Jlbqa' kburl ll daru u r-razzett jew wirithom mingħand missieru jew xtrahom hu, ħadimhom b'għaraq ġbinu, ħawwel is-siġar tal-frott b'idejh stess, u megħjun mill-ġirien, ħaffer il-bir ta' l-ilma. Imut meta ma jkunx jiflaħ imur l-għalqa, imqar jekk imur biex isakkar it-tiġieġ...! L-ulied jieħdu ħsiebu, uliedhom jibqgħu jitgħallmu minn fomm nanniethom...! Meta jmut il-missier u jinqasam il-wirt, iż-żgħir ma jiretx mlll-ewwel..., Imma Jleħu ħsleb ommu sakemm tmut, meta mbagħad jieħu sehmu u sehemha.
3. Il-kbir irid jieħu ħsieb ħutu ż-żgħar kemm jekk jonqoshom ikel jew skola. U dan, imqar jekk għandu l-famlija tiegħu. Hu gawda minn fuq il-familja, u ta' warajh jagħmlu parti mill-istess familja. Jekk qiegħed idaħħal salarju, dak mhux tiegħu biss! Hemm min wasslu għalih.
4. Kbir hu r-rispett ta' 'l ulied lejn il-ġenituri. Imqar jekk wieħed studja u hu professjonista, qatt ma jieħu deċiżjoni bla ma jfittex il-parir ta' missieru ... anki jekk dan hu bla skola. Qatt m'għandu jmur kontra r-rieda tiegħu; biex, ngħidu aħna, jiżżewweġ... imur joqgħod jew jaħdem band'oħra... Qabel ma wieħed jistenna l-barka t'Alla, irid ifittex il-barka ta' missieru!
5. It-tieġ hi festa kbira, u tar-raħal kollu. L-għarejjes huma wlied ir-raħal, tkabbru fir-raħal bl-eżempju tan-nies kollha. Kollha joffru l-ħidma tagħhom, flus, ikel u oġġetti oħra, imqar jekk biss rigal ta' żewġ tazzi jew platt. Isir fil-pubbliku fejn kulħadd hu mistieden għalih. L-istess għandu jintqal mit-twelid u l mewt ta' kull membru tar raħal. Il-Kenjan la jgħix u lanqas imut waħdu!

6. X'jiġri jekk xebba li, għax kerha jew ftit immankata ma ssibx min jiżżewwiġha? Dik hi telf kbir għall-komunità: la ġġib tfal għall-komunità, la jkollha min jieħu ħsiebha ... u tista' tisfratta .... Allura, l-anzjani tar-raħal isibulha għarus huma stess ħalli tinġabar!

7. Kif tista' tgħin mara xiħa nofsha għamja? Trid tiekol u trid ma' min titkellem biex ma tħosshiex mwarrba mill-oħrajn. Toħroġha bil-qegħda għad-dell ħdejn il-bieb ta' barra, tixtrilha xi ħaġa xi tbiegħ, u tpoġġilha platt ħdejha. Il-ġirien jiftehmu li jmorru jixtru mingħandha u joqogħdu jitkellmu ftit magħha. Ħadd ma jissogra jisraqha jew iqarraq biha. Kbir hu l-kastig t'Alla fuq min iġib ruħu hekk ma' l-immankat!

8. It-tfal huma rigal t'Alla lil ommhom, lill-familja u l-komunità kollha. Alla joħloq lil kull wieħed minnhom. Dawk li jitwiedu differenti, (l-immankati), huma speċjali, u joħloqhom b'għan speċjali!

9. Jekk tagħti ħaġa kbira jew ħaġa żgħira, xorta qed tagħmel offerta; anki jekk tagħti idek biex issellem biha.

10. Fir-raħal, in-nisa kollha jmorru jifirħu lil mara li welldet tarbija; kollha jieħdu sehem jmorru f'tieġ; kollha jattendu għall-funerali. U kull darba jmorru b'rigal f'idejhom. •



POEŻIJA

# ĦABIB LI QED TBATI

minn Lawrence Attard

Ħabib li qed tbati
martirju bla tmiem
bla waqfien.
Din marda qerrieda
li tieħdok
daqshekk għal għarrieda.
bla ma nifs ittik imkien.

Bħal Kurċifiss
int miksi bid-demm;
il-karba ta' 'l hemm
li ħierġa minn fommok
għatxan u għajjien.

Idejk u riġlejk
marbuta u msammra
ma' l-għuda mistrieħa.
ma tistax titħarrek
xellug jew lemin
imkien.

Xofftejn nexfin
jokorbu għall-ilma;
qalb mifnija
tissielet, tittama
għal xrara ta' mħabba,.
mument ta' mistrieħ.

'Ma f'dan il-Kalvarju
it-telgħa tal-Golgota
nitlob ukoll l'inti ssib-
ħabib tiegħi –
'l ommok Marija
timxi miegħek, maġenbek;
lil Xmun Ċirinew,
li b'missjoni ta' mħabba,
miegħek jaqsam
il-piż tqil tas-salib.

Din tama eterna
ta' ħajj'oħra tistenna
lil min ħawn qed ibati
fil-moħħ u fil-qalb
fil-ġisem għajjien u mifluġ.

Kollox għad jgħaddi
sakemm f'jum mill-isbaħ
tiddi dik ix-Xemx eterna
tal-Ħaruf
li miegħu għad jgħannqek
-għażiż ħabib tiegħi -
jixxottalek id-dmugħ
tat-tbatija.

Għal dejjem int tgħix
u hemmhekk tinduna
xi jfissru l-uġigħ u t-tbatija
x'ħin tħares
f'għajnejn Kristu tiegħek,
li qablek imgħannaq
mas-salib imqaddes,
għalik u għalija
ta ħajtu –
u qam.

U wara dil-ħajja
għad tara l-qawmien
tar-ruħ u tal-ġisem
li fih tkun batejt.
U 'l dak li ħabbejt
u tant adurajt
meta moħbi ġo Ostja –
wiċċ'imbwiċċ għad tara

Jiċċarrat il-velu
li żammek fil-għama
għax Lilu tarah
u Lilu tgawdih
etern, mimli mħabba
u glorja bla tmiem.





# Il-KUNVENT U L-KNISJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA F'GĦAWDEX

(Kronaka Ta' Patri Pelagju IX)



Il-ħtieġa li l -Aħwa Kapuċċini jkollhom tliet kunventi biex ikunu jistgħu jinqatgħu mill-Provinċja ta' Sirakuża u jiffurmaw Kustodja għalihom, wasslu għall-bini tal-kunvent tagħhom fil-gżira tat-tliet għoljiet, ħdejn il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja, fil-post imsejjaħ ta' Fomm il-Ġir, barra r-Rabat, fit-triq li tagħti għal Marsalforn.

## IL-BENEFATTURI GĦAWDXIN

Filwaqt li f'Malta kienu qegħdin jittieħdu l-passi biex jinbena l-kunvent tal-Kalkara, Patri Ġużepp Grech u l-Aħwa Kapuċċini bdew jħabirku għall-bini ta' kunvent ieħor f'Għawdex, u għal dan il-għan il-patrijiet Kapuċċini marru fil-gżira tat-tliet għoljiet *"per esplorare 'l anima di quel popolo"* [1].

L-Għawdxin xtaqu li jkollhom fosthom l-Aħwa Kapuċċini, għaldaqstant fil-31 ta' Mejju 1736, sitt Għawdxin fosthom il-Kanoniku Giovanni Pietro Apap, Dun Mikiel Anġ Falzon u Dun Bennard Bonniċi, intrabtu li jagħtu s-somma ta' 1000 skud għall-bini ta' dan il-kunvent. Imqanqlin mill-eżempju tajjeb ta' dawn in-nies, Għawdxin oħra taw somom oħra ta' flus [2].



Iżda minnbarra t-tħabrik tal-patrijiet, kemm il-Gran Mastru Fra Antonio Manoel de Vilhena (1722-1736) u l-Isqof ta' Malta Mons. Fra Pawlu Alpheran de Bussan (1723-1756) permezz tal-Ambaxxatur tal-Ordni ġewwa Ruma, irsistew sabiex il-Ministru ġeneral tal-Ordni jagħti l-permess meħtieġ għall-bini tal-kunvent fGħawdex. Il-ġeneral minn naħa tiegħu għamel ir-rikors meħtieġ lill-Papa, li min-naħa tiegħu ħareġ reskritt favorevoli fid-29 ta' Lulju 1737. Il-ġeneral u d-Definitorju min-naħa tagħhom approvaw il-bini taż-żewġ kunventi ġodda tal-Kalkara u ta' Għawdex fil-21 u fit-22 t'Awwissu 1737 [3].

## L-GĦOTJA TAL-KNISJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA

Sadanittant fl-1736, l-Isqof Alpheran kien jinsab f'Għawdex għall-Viżta pastorali. Waqt din il-Viżta, l-Aħwa Kapuċċini talbuh jagħtihom il-knisja devota tal-Madonna tal-Grazzja, barra r-Rabat, fl-inħawi ta' Fomm il-Għir. Mons Alpheran laqa' t-talba tagħhom permezz t'att ta' donazzjoni li sar fl-atti tan-Nutar Alessandro Vivier tad-9 ta' Settembru 1736. Min-naħa tiegħu l-Arċipriet tal-Matriċi, il-Kan. Adeodato Formosa, ta l-kunsens tiegħu għal din id-donazzjoni fl-25 ta' Novembru 1736 [4].

Żewġ Kapuċċini, Patri Klement u Fra Stiefnu marru Għawdex fejn fit-28 ta' Diċembru 1736, ħadu l-pusses tal-knisja tal-Madonna tal-Grazzja. Huma bdew joqogħdu f'xi kmamar li kien hemm ħdejn il-knisja, iżda mmedjatament ħasbu biex jżidu xi kmamar oħra ma' dan il-bini biex jiffurmaw Ospiżju. Imbagħad nhar il-gandlora ta' 1727 (2 ta' Frar) saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid tas-salib fil-post fejn kellu jinbena l-kunvent, fil-preżenza tal-Arċipriet u l-Kapitlu tal-Matriċi, il-Gvernatur u l-ġurati ta' Għawdex u folla kbira ta' nies. F'din l-okkażjoni għamel diskors Patri Ġużepp Grech [5].

## IL-KNISJA SSIR SAGRAMENTALI

Wara rikors li sar minn Patri Ġużepp Grech lill-Isqof Alpheran, il-knisja tal-Madonna tal-Grazzja saret sagramentali. Għaldaqstant nhar Ħadd it-Trinità, is-16 ta' Ġunju 1737 saret purċissjoni ġenerali mill-Kolleġġjata Matriċi tal-Kastell sal-knisja tal-Kapuċċini, li permezz tagħha twassal hemmhekk Ġesù Sagramentat, fost li sparar ta' salut mill-Kastell [6].

Fit 13 ta' Ġunju 1738 wasal f'Malta mibgħut mill Patri Ġeneral tal-Ordni, Patri Franġisk min Aufidena, fl-kwalità ta' Viżitatur Ġenerali u Kummissarju [7]. Fix-xahar ta' wara l-imsemmi Viżitatur mar sa Għawdex biex jara kif kien sejjer il-bini tal-kunvent. Wara li reġa' lura f'Malta b'diġriet tat-23 t'Awwissu ħatar lil patri Vitor Caruana bħala president ta' l-Ospiju ta' Għawdex [7].

## FESTA SPEĊJALI FIL-KNSIJA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA (1738)

F'Settembru tal-1738, fil-knisja tal-Madonna tal-Grazzja saret festa speċjali b'tifkira tal-Beatifikazzjoni ta' żewġ Kapuċċini fra Fidiel minn Sigmanringen u fra Ġużepp minn Leonessa, u għal din il-festa speċjali mar Għawdex il-Viżitatur patri Franġisk minn Aufidena. Il-festi fGħawdex saru b'mod differenti minn dawk taż-żewġ kunventi l-oħra.

Bdew bi Tridu, l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa li kienu ġranet tal-"Quattro Tempori" li fihom saru għall-ewwel darba f'Għawdex, l-eżerċizzi, li għalihom marru ħafna nies.

Is-Sibt imbagħad sar l-armar tal-knisja u filgħaxija r-relikwarji taż-żewġ beati ġodda Kapuċċini ttieħdu fil-knisja Matriċi fil-Kastell. L-għada ż-żewġ relikwji ġew esposti fil-Kolleġjata Matriċi, fejn saret Quddiesa solenni bil-mużika. Filgħaxija saret proċessjoni ġenerali li tmexxiet mill-Arċipriet tal-Matriċi Kan. Adeodato Formosa bis-sehem tal-Kapitlu u l-Kleru Sekulari u Regulari u l-Fratellanzi kollha. Meta r-relikwi twasslu għand il-Kapuċċini tkanta l-Għasar solenni bil-mużika. Il-funzjonijiet tkomplew fil-jumejn ta' wara [8]. •

(1) A(rkivju) P(rovinċjali) P(atrijiet) K(apuċċini) F(loriana) cronica delli RR. PP. Minori capuccini di Malta ta' patri Pelaġju p.295

(2) Ibid pp.296,297

(3) Ibid pp. 297, 298

(4) Ibid pp.299, 301

(5) Ibid pp. 301, 305, 306

(6) Ibid pp. 307, 308, 309

(7) Ibid pp. 323, 330, 331

(8) Ibid pp 332, 333



# L-Azzjoni Straordinarja tax-Xitan (3)

**Hemm xi wħud li jħalltu l-possessjoni mal-iskiżofrenija! Dan qed jiġri anki minn ċerti teoloġi li jinterpretaw il-passi Evanġeliċi li jirrakontaw diversi eżorċismi li għamel Ġesù nnifsu bħala fejqan ta' persuni li jbatu minn mard psikiku. Imma fil-fatt il-possessjoni mhijiex marda psikika.**

Forsi nistgħu ngħidu li l-possessjoni hija bħal 'sostituzzjoni temporanja' tal-persuna. Hemm waqtiet li fil-persuna, vittma tal-possessjoni, jidħol id-dominju brutali u vjolenti ta' spirtu negattiv (jew anki aktar minn wieħed!). Dan l-ispirtu jaġixxi ġewwa u permezz tal-ġisem tal-persuna u jġiegħel lill-persuna tagħmel jew titkellem kif irid hu mingħajr ma l-vittma tista' tirreżisti. Dan il-fenomenu nistgħu insejħulu 'mument ta' kriżi'.

Fil-mument tal-kriżi d-demonju jista' jimmanifesta ruħu permezz ta' tkagħwiġ tal-ġisem tal-persuna, manifestazzjoni ta' rabja kbira lejn il-persuna posseduta nnifisa jew lejn l-oħrajn, saħħa fiżika enormi, għarfien ta' lingwi li l-persuna ma tafx u ma studjatx, għarfien ta' ħwejjeġ sigrieti li l-persuna ma kenitx tafhom qabel, u dan kollu flimkien ma stmerrija kbira għal dak kollu li hu sagru li tesprimi ruħha permezz ta' dagħa, kliem ta' saħta u oxxen. Meta l-persuna tkun filwaqt tal-kriżi, hi ma tkunx tista' tagħmel reżistenza, imma trid tagħmel u tieħu fuqha dak li d-demonju jkun irid. Imma minkejja li f'dak il-waqt il-persuna tkun taħt il-ħakma tax-xitan, u għalhekk ħafna drabi ma tkunx konxja minn dak li qed jiġri, f'ċerti mumenti tista' tibqa' żżomm il-kuxjenza tagħha. U din toħloq aktar u aktar sofferenza fil-persuna nnifisa minħabba li filwaqt li ma tkunx trid titkellem jew taġixxi b'dak il-mod, hi ma tkunx tista' tirreżisti għax tkun qed tiġi użata mill-ispirtu negattiv.

Iżda l-mumenti li fihom il-persuna tibqa' konxja minn dak li jkun għaddej, jistgħu jkunu mumenti opportuni biex hi stess tirreżisti lix-xitan permezz tat-talb flimkien mal-eżorċista. Imma dan mhux kulħadd jirnexxilu.

Xi kultant, speċjalment f'każijiet gravi, il-persuna, matul il-waqt tal-kriżi, tidħol fi speċi ta' koma u titlef kompletament il-kuxjenża ta' dak li jkun qed jiġri. Jista' jiġri xi kultant li l-persuna, wara xi ħin, jew ġranet, tiftakar dak li jkun ġara! Dan jiġri billi l-persuna tibda' tara bħal 'flashbacks' ta' dak li tkun għaddiet minnu. Din id-differenza bejn persuna u oħra, tiġri għaliex nistgħu ngħidu li teżisti possessjoni qawwija u oħra li hi nqas qawwija. Matul il-waqt tal-kriżi, anki jekk konxja minn dak li jkun qed jiġri jew minn dak li tkun qed tagħmel, il-persuna ma jkollha l-ebda responsabbiltà għall-azzjonijiet tagħha u għalhekk mhix ħatja ta' dnub.



Ma dak li semmejt, jistgħu jiġru ħafna u ħafna fenomeni oħrajn ta' kull tip li beħsiebni nsemmi fl-artikli li ġejjin. Il-persuna posseduta kważi dejjem issofri minn vessazzjoni fiżika (aggressjoni fiżika li tiġi mix-xitan: eż: swat u grif) li jiġu permezz tal-ħidma tax-xitan minn ġewwa l-ġisem tal-persuna. Jista' jkun hemm ukoll ossessjoni (kultant għalkemm ix-xitan, fil-mument tal-kriżi, ma jkunx qed jaħkem il-moħħ u l-volontà tal-persuna, imma jirnexxielu jikkomunika fil-moħħ tagħha ħsibijiet jew immaġni ossessivi. ħafna drabi dawn ma jkunux jagħmlu sens, imma l-persuna ma jirnexxielix twarrabhom). Imma tajjeb li nżommu f'moħħna li mhux kull min għandu vessazzjoni jew ossessjoni tax-xitan huwa possedut. •



# L-AŻMA (I)



**L-ażma hija kondizzjoni komuni ħafna li taffetwa l-pajpijiet tan-nifs. Is-sintomi jvarjaw ħafna minn attakki ħfief sa dawk gravi ħafna. Sintomi jinkludu tisfir fis-sider, sogħla xotta u vojta, dwejjaq fis-sider u qtugħ ta' nifs. Il-kura għall-ażma hija l-aktar bl-'inhalers'. L-ażma ma tfiqx minnha, iżda tista' tiġi kkontrollata tajjeb ħafna u tgħix ħajja normali. Jekk ma tkunx kontrollatha, l-attakki tal-ażma jsiru aktar spissi u gravi li jistgħu anki jwasslu għall-imwiet sfortunatament.**

## KOMUNI L-AŻMA?

L-ażma hija kondizzjoni ereditarja u għalhekk l ulied għandhom aktar ċans li jsofru minnha anki jekk wieħed mill-ġenituri huwa ażmatiku. Tista' taffetwa lil nies ta' kull età, iżda l-aktar komuni huma t-tfal – sa 10% mit-tfal isofru bl-ażma u 5% mill-adulti. Komuni wkoll fl-anzjani, iżda hawnhekk irridu nagħmlu distinzjoni mill-bronkite kronika – effett ta' snin twal ta' tipjip - li hija marda differenti.

## X'JISTA' JWASSAL GĦALL-ATTAKK?

Spiss ma jkunx hemm raġuni għall-bidu ta' attakk. Iżda hemm ċerti affarijiet u ċirkustanzi li jwasslu għall-attakk. Dawn huma:

1. **Infezzjonijiet** – b'mod speċjali sempliċi riħ u 'chest infections'.
2. **'Pollen' tal-fjuri.**
3. **L-eżercizzju** – l-isports huwa ta' ġid għall-ażmatiċi, iżda ta' min jieħdu żewġ puffs ventolin qabel dan.
4. **Mediċini** – l-aspirina, pain killers, beta blockers (pilloli wżati għall-pressjoni u għall-qalb jew qtar tal-għajnejn għall-glaucoma) jistgħu jżidu l-attakki. Hu dejjem parir mingħand it-tabib tiegħek.
5. **Sigaretti u dħaħen / toroq traffikkużi.**
6. **Kimiċi** – żebgħa, solvents, fwejjaħ u ċerti postijiet tax-xogħol.
7. **Anzjetà**
8. **Annimali** – speċjalment qtates, żwiemel u klieb.
9. **'House dust mite'** - dan l-insett inviżżibli jgħix fl-imħadded, kutri, twapet, eċċ.
10. **Ikel** – mhux komuni, iżda' possibbli.
11. **Xogħol** – bdiewa esposti għas-silla, fabbriki tal-kimika, kostruzzjoni tal-bini u xogħol fit-trab.

## KIF ISSIR ID-DIJANJOSI?

Id-dijanjosi għandha ssir dejjem mit-tabib jew speċjalista. Importanti ħafna li tittieħed storja mill-pazjent b'sintomi tipiċi tal-ażma. Huwa importanti li jsiru xi testijiet.

Il-'peak flow meter' huwa strument żgħir li pazjent wara li jkun ħa nifs kollu l ġewwa, jonfħu l barra b'saħħtu kollha ġo dan l-istrument. Dan jagħtik stima tan-nifs skond l-il-piż, sess u età. Dan ikun baxx fl-ażma. Dan huwa strument li tajjeb ikollhom l-ażmatiċi għaliex meta dan jitbaxxa jfisser li ġej jew se jibda attakk, jew inkella l-ażma m'għadhiex kontrollata.

Hemm tendenza li l-peak flow ikun aktar baxx filgħaxija tard u filgħodu kmieni fl-ażmatiċi. Dan it-test jagħti indikazzjoni lit-tabib u l-pazjent kemm it-trattament ta' l-ażma qed jaħdem tajjeb.

Test aktar sofistikat huwa 'spirometry'- dan huwa test li jsir fi sptar jew klinika speċjalizzata fejn il-pazjent huwa mitlub jieħu n-nifs f'makna li taqra r-rata u l-volum t'arja dieħel u ħiereġ ġol-pulmuni.

Tajjeb ta' min jgħid li dawn it-testijiet jistgħu jkunu normali fl-ażmatiċi li f'dak il-mument ikun ikkontrollat tajjeb.

## L-AŻMA NISTGĦU NFIQU MINNHA?

Li nistgħu ngħidu hu li l-ażma mhijiex kundizzjoni li tfiq minnha. Nofs it-tfal li jbatu bl-ażma 'joħorġu minnha' meta jsiru adulti, inħobbu ngħidu aħna l-Maltin. Kulħadd jispera li jasal dak iż-żmien maġiku fejn l-ażma tisparixxi. Il-verità hi li ħafna adoloxxenti jinnutaw titjib fl-attakki u s-sintomi, iżda xorta l-ażma tibqa' hemm.

Li huwa żgur hu li, l-ażma llum il-gurnata hija kurabbli għalkemm ma nfiqux minnha. Ħafna drabi jekk nżidu t-trattament waqt l-attakki jkun biżżejjed biex l-ażma tibqa' taħt kontroll.

Fil-ħarga li jmiss naraw fid-dettal kif nikkuraw l-ażma nkluż waqt l-attakki.

Nixtiqilkom is-saħħa. •

F'Tittmoning, Joseph beda jmur il-knisja li kienet ħdejn l-iskola taż-żgħar. Bis-saħħa tal-ġenituri tiegħu sar jaf bl-Avvent, l-Għid... Dawn il-mumenti speċjali tas-sena baqgħu miegħu għal ħajtu.

Kellu kważi 6 snin meta l-familja kellha quddiemha tibdil ieħor. Għall-bidu Aschau sull'Inn ma tantx għoġbot lil Joseph u lil ħutu, iżda bil-mod it tlieta bdew isiru jħobbu r-raħal u d-dar sabiħa u ġdida bil-ġnien. U kien proprju l-ġnien li kien ħafna għal qalb Joseph. Kellu ħafna siġar, fjuri kkuluriti u għadira mdaqqsa li fiha kien hemm il-karpjuni u li għal ftit, kienet se tkun ix-xena ta' traġedja. Joseph kien fuq ruħu ħafna u ma kienx jitlef okkażjoni li fiha kien jagħmel xi waħda minn tiegħu. Bħal tfal oħra tal-età tiegħu kien iħobb jiġri, jaqbeż, jesplora u jitgerbeb mal-art. Darba minnhom waqt li kien qed itellaq ma' ħutu, SPLASH, Joseph waqa' fl-għadira. Li kieku ma ġabruhx fil-ħin, kien jegħreq.





# ĦAJJA TAL-PAPA

# JOSEPH U CHICO (4)

Maqlub għall-Malti minn Emily Barbaro-Sant
Storja ta' Jeanne Perego
Disinji ta' Donata Del Molin Casagrande
Introduzzjoni minn Don Georg Gänswein
Stampat mill-Messaggero di Sant'Antonio

Din servietu lezzjoni għax minn dakinhar beda joqgħod attent fejn imidd riġlejh. Fir-raħal ta' Aschau, Joseph għamel l-ewwel Tqarbina u tgħallem idoqq il-pjanu. Il-ħoss ta' dan l-istrument għoġbu mill-ewwel u biż-żmien sar l-għaxqa ta' qalbu. Anki llum li kiber, biex jistrieħ jintefa' quddiem il-pjanu u jibda jdoqq mużika sabiħa ta' Mozart li jidher li huwa l-kompożitur favorit tiegħu. Jiena, fuq dan Mozat ma tantx nista' ngħid wisq, imma naf li l-mużika tiegħu ġġiegħel joħlom anki lil superqattus bħali. Meta Joseph kien ikun id-dar u jibda jdoqq, kont inħobb nippassiġġa fuq it-tastiera tal-pjanu. Meta mbagħad kont ninduna li qed indejqu kont nersaq lejh, nitmelles miegħu u nxejjer denbi. Anqas qatt ma temmnu... Reġa' wasal il-mument li l-familja ġġorr għal post ieħor!

Meta l-ħabib tiegħi kellu għaxar snin, il-familja marret toqgħod f'raħal ċkejken viċin Traunstein fejn missier Joseph xtara dar għal meta jirtira bil-pensjoni. Meta Joseph ra d-dar l-ewwel darba, ħaseb: ***"Hawn fejn ġejna?"*** Fil-fatt din id-dar kienet ilha mitluqa u riedet ħafna xogħol ta' restawr u rieda kbira min-naħa tal-omm biex tagħmilha sabiħa. Kellha ġnien kbir b'ħafna siġar tal-frott u b'ħafna wisgħa fejn it-tfal setgħu jilgħabu u jiġru. Fid-dar kien jonqos ħafna affarijiet li llum jitqiesu bħala li ma tistax tgħix mingħajrhom, bħal pereżempju l-ilma, li għalih Joseph u ħutu kien ikollhom iġibuh minn għajn quddiem il-bieb prinċipali tad-dar. Fortunatament aħna l-qtates ninħaslu waħedna mingħajn ilma u sapun għaliex jiena, kieku, ma kontx nissaporti ġej u sejjer inġib l-ilma biex inkun nadif.

Il-ħabib tiegħi kien iħobb jistudja. Għajnejh imkaħħlin mal-folji tal-ktieb biex jiġbor dak kollu li kien hemm x'jitgħallem fih, kienu jagħtuh ferħ u sodisfazzjoni kbir. B'hekk dik is-sena b'entużjażmu kbir beda jattendi l-iskola sekondarja ta' Taunstein. Ried ikollu jagħmel żewġ kilometri mixi kuljum biex jasal. Imma dejjem wasal fil-ħin. Min jaf kemm-il darba mexa fix-xemx u x-xita!

Fl-iskola sekondarja beda jitgħallem il-latin – lingwa antika li aħan l-qtates ma nitgħallmuhiex għax m'għandniex x'irriduha. Swiet ħafna għal Joseph tul ħajtu. Anzi, jitkellem il-lingwa tajjeb ħafna. Jekk trid tkun taf x'ifesser il-latin, kun af li mus tfisser ġurdien, feles qattus u sinu skutella għall-ikel. Bejnietna, dawn huma l-kelmiet importanti f'kull lingwa; għalhekk aħjar nitgħallimhom tajjeb. •





# IL-KANTIKU TAL-ĦLEJJAQ



Waħda mill-isbaħ kitbiet ta' San Franġisk t'Assisi hu l-Kantiku tal-Ħlejjaq li kiteb biċċa biċċa matul ħajtu u jirrifletti l-imħabba li kellu lejn Alla. Barra li għandu post speċjali fil-letteratura Taljana bħala waħda mill-ewwel biċċiet li nkitbu bit-Taljan, huwa oriġinali għall-aħħar, l-aktar il-mod kif isejjaħ il-ħlejjaq kollha bħala ħutu.

Dan juri mhux biss l-umiltà li kellu l-qaddis, iżda wkoll kif kien jara 'l Alla f'kollox, ukoll fil-ħlejjaq bla ħajja. Jibda bit-tifħir lix-xemx u hemm riferiment ċar li għandu lil Kristu fi ħsiebu, li hu d-dawl tad-Dinja: kull ma sar kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin (Ġw 1:4).

Fi żmien San Franġisk kienu jemmnu li kull ħaġa fid-dinja hija magħmula minn taħlita tal-erbgħa elementi: arja, ilma, nar u l-art (ħamrija), u ta' min jammira l-mod kif il-qaddis ifaħħarhom b'mod poetiku u mimli mħabba.

Iż-żieda tal-istrofa fuq il-maħfra ġiet miżjuda b'riferiment għal każ partikolari: il-ġlied li kien hemm bejn l-Isqof u s-Sindku ta' Assisi. Billi kien marid u ma setax jimxi, Franġisku staqsa lil wieħed minn Ħutu biex jistieden lill-Isqof u lis-Sindku u jkantalhom il-Kantiku tal-Ħlejjaq b'din l-istrofa dwar il maħfra miżjuda. It-tnejn marru minħabba r-rispett kbir li kellhom għal Franġisku, u wara li semgħu dan il-kliem ħarġu minn hemm niedma u ħbieb.

L-aħħar strofa li żied kienet dik dwar l-mewt, li wkoll sejħilha "oħtu", li żied waqt li kien wasal fi tmiem ħajtu u ried jismagħha ftit mumenti qabel ma miet.

Tajjeb li kultant nitolbu dan il-kantiku aħna wkoll u nistaqsu lilna nfusna kemm aħna lesti nilqgħu ill-"oħtna l-mewt" kif għamel San Franġisk! ►

Twajjeb Mulej, int l-ogħla, tista' kollox,
għalik huma t-tifħir, is-sebħ, il-ġieħ u kemm hawn barka.
Jixirqu lilek biss, ja l-Aktar Għoli,
u l-ebda bniedem ma jistħoqqlu jlissen ismek.
Mulejja, tkun imfaħħar mal-ħlejjaq kollha tiegħek,
u l-aktar m'oħtna x-Xemx
li biha jibda l-jum u jroxx id-dawl;
għax hi sabiħa u tħeġġeġ bl-isfa dija;
ix-xbiha tiegħek, l-Aktar Għoli, naraw fiha.
Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-Qamar u fil-kwiekeb:
għamilthom fis-smewwiet, leqqiena, għonja u sbejħa.
Mulejja, tkun imfaħħar f'Ħuna r-Riħ,
fiż-żiffa u fl-isħab, fil-bnazzi, f'kull tibdil,
li minnu tgħajjex Inti kull maħluq.
Mulejja, tkun imfaħħar f'Ħuna l-Ilma
li hu meħtieġ qatigħ, irżin, ta' siwi w safi.
Mulejja, tkun imfaħħar f'Ħuna n-Nar,
li ddawwal bih id dlamijiet tal lejl,
hu sbejjaħ, kollu ħajja, shiħ u qawwi,
Mulejja, tkun imfaħħar f'Oħtna w Ommna l-Art,
għax minnha l-għixien u hi tmexxina,
u tagħti frott kull bixra, ward bl-ilwien u ħxejjex,
Mulejja, tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru għal imħabbtek,
u f'dawk li jġarrbu l-mard u l-hemm bla lewma.
Imbierka dawk li jilqgħu kollox b'ħajr u sliem
għax minnek, l-Aktar Għoli, jieħdu l-ħlas.
Mulejja, tkun imfaħħar Oħtna l-Mewt tal-ġisem,
li minnha ebda ħaj ma jista' jaħrab.
Ħażin għal dawk li jmutu fid-dnubiet il-mejta.
Imbierka dawk li l-mewt issibhom jagħmlu r-rieda mqaddsa tiegħek.
Faħħru, bierku lill-Mulejja w iżżuh ħajr,
u bla kburija xejn, aqduh ilkoll. •

# FESTA TA' SANTA ELIŻABETTA TAL-UNGERIJA

**Din is-sena l-festa se tiġi ċċelebrata b'ċelebrazzjoni Ewkaristika fil-knisja tal-Kapuċċini, Floriana it-Tnejn, 17 ta' Novembru fil-5.30pm.**



# PROFESSJONI FIL-FRATERNITÀ O.F.S. TAR-RABAT

**Il-Fraternità O.F.S. tar-Rabat laqgħet bil-ferħ tmien membri ġodda, it-Tlieta 30 ta' Settembru fil-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesù ġewwa r-Rabat.**

Dawn għamlu l-professjoni tagħhom f'idejn il-Ministru waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fil-ġranet ta' tħejjija għall- festa ta' San Franġisk. Kienu preżenti għall-professjoni l-Ministru Nazzjonali u l-Assistenti nazzjonali tal-Patrijiet Minuri u Kapuċċini.



# PROFESSJONI TEMPORANJA TA' L-AĦWA KAPUĊĊINI

# BERTRAND VELLA U FREDERICK SCERRI

Lejlet il-festa ta' San Franġisk t'Assisi, 3 t'Ottubru 2008, f'ċelebrazzjoni mmexxija minn Mons. Pawlu Darmanin OFMCap Isqof ta' Garissa, il-Kenya, fil-knisja tal-Kapuċċini, il-Furjana, assistit mill-Provinċjal Fr Joe Alessandro u l-Gwardjan Fr Crispin Tabone, Bertrand Vella minn Ħal Tarxien u Fredrick Scerri mill-Marsa għamlu l-Wegħdiet għal żmien stabbilit tal-Faqar, Ċelebat u Ubbidjenza f'idejn il-Provinċjal.

Fl-omelija tiegħu l-Isqof Darmanin iżża ħajr lil Alla għas-sejħat li kontinwament għadu jagħmel biex l-istedina ta' Ġesù fl-Evanġelju tkompli ssib art għammiela ħalli dak li beda hu jitkompla fin-nies ta' llum u permezz tagħhom.

Il-Provinċjal Fr Joe Alessandro lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni rringrazzja lill-Mons. Isqof Pawlu Darmanin, li jinsab Malta għal ftit granet, talli laqa' l-istedina biex imexxi din iċ-ċelebrazzjoni. Irringrazzja wkoll lill-konċelebranti djoċesani u reliġjużi li kienu ferm numerużi u mhux inqas lill-ġenituri ta' Bertrand u Fredrick kif ukoll lil dawk kollha li pparteċipaw f'din l-okkażjoni.







# "HAWN JIEN MULEJ, GĦAX SEJJAĦTLI"

**minn Br Bertrand Vella OFMCap**

Huwa Ġesù li jsejjaħ, u Frederick Scerri u jien, nhar it-3 t'Ottubru 2008, jum li jfakkar il-mewt ta' Franġisku t'Assisi, weġibna 'Iva' għall-istedina tiegħu. Stedina biex inkunu miegħu u tiegħu bħala Franġiskani Kapuċċini.

Is-sena tan-novizzjat ġewwa Camerino, l-Italja, kienet għalija sena ta' grazzja, dan għaliex urietni aħjar min jien, x'post għandu Alla f'ħajti u jekk din hix it-triq li l-imħabba tal-Mulej qiegħda ssejjaħli għaliha. Stajt nasal għal dan l-għarfien frott ħafna sfidi, jew 'provi', kif insejħulhom aħna. Ħafna minn dawn wassluni biex ngħaddi minn mumenti ta' kriżi; kont nirrabja, kultant nirribella u nipprotesta. L-isfog tiegħi però dejjem kien quddiem it-Tabernaklu! L-istedina ta' Ġesù meta jgħidilna, **"Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena nserraħkom"** (Mt 11:28) kienet tassew l-esperjenza li kont inġarrab.

Dan għaliex wara l-ħin tiegħi fis-skiet miegħu kont noħroġ mill-kappella ċkejkna li kellna fin-novizzjat xi ftit aħjar, aktar fil-paċi miegħi nnifsi milli kif kont dħalt. Dan kien u għadu jimmotivani biex infittex lil Ġesù l-ewwel u qabel kollox; li nafda fih u nħalli lilu jmexxini. Nagħraf li jien bżonn ta' Kristu f'ħajti u





rrid, minkejja t-tfixkil, li nżommu fiċ-ċentru ta' dak kollu li jien! Il-Papa Benedittu XVI f'laqgħa li kellu mas-seminaristi gewwa Cologne f'Awwissu 2005 saħaq fuq l-importanza li nfittxu lil Ġesù u ngħaddu ħin fil-kumpanija tiegħu. Huwa biss meta wieħed jagħmel esperjenza personali ta' Kristu li jasal biex jagħraf x'inhi r-rieda t'Alla għalih u allura jsib il-vokazzjoni tiegħu.

Nistqarr li ġewwa Camerino rċevejt injezzjoni qawwija Franġiskana-Kapuċċina, dan minħabba l-fatt li l-kunvent fejn konna jitqies bħala l-benniena tal-Ordni. Huwa wieħed mill-ewwel kunventi li laqa' fih dawk il-patrijiet illi għenu biex jiġi mwaqqaf l-Ordni tal-Fraġiskani Kapuċċini. Sa minn dejjem kien il-post fejn isir in-novizzjat u din is-sena konna erbgħa li ersaqna lejn il-professjoni, tnejn Maltin u tnejn Taljani. Hawn kelli l-opportunità li ngħix mumenti ta' talb b'ħafna kalma f'ambjent ta' fraternità dejjem lesta biex isservi.

Permezz tal-professjoni temporanja, Frederick u jiena wegħedna li għal żmien stabilit nimxu wara Kristu bla xejn tagħna, fis-safa u ubbidjenti lejh preżenti fil-persuni magħżula biex ikunu s-superjuri tagħna. Kif insibu fil-Perfectae Caritatis numru 5 aħna għażilna li "ngħixu biss għal Alla" u allura b'qalbna kollha lesti biex inkomplu noffrulu l-libertà, it-talb u l-affettività tagħna bit-tama li Kristu jkun tassew l-uniku u l-veru skop ta' ħajjitna. •



# IL-BOLOL TA' MALTA (9)

## ANNIVERSARJI RELIĠJUŻI







Fl-24 ta' Lulju 1971 l-Posta ta' Malta ħarġet sett ta' erba' bolol sbieħ ħafna ta' Emvin Cremona li jfakkru żewġ anniversarji reliġjużi. Taż-2d u tal-10d juru pittura ta' San Ġużepp li mitt sena qabel kien dikjarat patrun tal-Knisja Universali mill-Papa Piju IX. Il-pittura kienet xogħol ta' Ġużeppi Calì u tinsab fil-knisja parrokkjali tal-Qala f'Għawdex li hija ddedikata lil San Ġużepp. Il-bolol tal-5d u tax-1/6 ifakkru l-ħamsin anniversarju minn meta l-istatwa tal-Madonna tal-Vittorja tal-Isla ġiet inkurunata fl-1921 mill-Isqof ta' Malta Dom Maurus Caruana li kien ukoll Arċisqof ta' Rodi. Skond it-tradizzjoni din l-istatwa nġiebet l-Isla fl-1632. Fl-1813 is-Sengleani kienu talbu lill-Madonna biex teħlishom mill-pesta li kienet ħakmet Malta u għadhom sa llum jagħmlu purċissjoni bħala ringrazzjament talli ħadd minnhom ma miet b'din il-marda.

## IL-PJANTA U L-GĦASFUR NAZZJONALI







Kien il-botanista Dr Stefano Zerafa li kien sab il-pjanta magħrufa bħala widnet il-baħar f'Wied Babu fl-1827. Din il-pjanta endemika, li tgħix iktar minn sentejn, ma tikbirx b'mod regolari f'pajjiżi oħra. Hija tikber iffullata mas-sisien u l-irdumijiet ħdejn il-baħar u twarrad bejn Mejju u Lulju. Il-pjanta nazzjonali tidher fuq il-bolol li ħarġu fit-18 ta' Settembru 1971 taż-2d u tax-1/6 filwaqt li fuq dawk tal 5d u ta' l-10d għandna l-merill, kollha ddisinjati minn Reno Psaila. L għasfur




nazzjonali jżomm l-iżjed fil-widien, fl-irdum mal-kosta u fl-għoljiet imġebbla. Għandu għanja melodjuża u jinstab f'Malta s-sena kollha.

## MILIED 1971







Bħas-soltu Emvin Cremona joħroġ b'sett ta' bolol sabiħ u artistiku fit-8 ta' Novembru. Il-bolla tas-1d+1/2d turi anġlu jħabbar it-twelid tal-Messija, dik tal-10d+2d turi lil Marija bil-Bambin ħdejha u tax-1/6+3d turi wieħed mir-rgħajja ta' Betlehem.

## QALBEK HIJA SAHHTEK










Għas-sena 1972 it-tema tal-Jum Dinji tas-Saħħa kienet il-prevenzjoni u l-kura tal-mard li għadu x'jaqsam mal-qalb. L-awtoritajiet tas-saħħa madwar id-dinja jisħqu li s-suċċess kontra dan il-mard jiddependi mill-informazzjoni globali u l-inizjattivi tal-edukazzjoni li jwasslu biex tiġi kkontrollata din l-epidemija. Għalhekk l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa talbet lill-amministrazzjonijiet tal-posta madwar id-dinja biex joħorġu bolol dwar il-qalb. Fl-20 ta' Marzu Malta ħarġet tliet bolol iddisinjati minn Anthony Agius taż-2d, tal-10d u taż-2/6.







## L-EWWEL MUNITI DEĊIMALI

Għall-okkażjoni tad-dħul tal-flus deċimali l-Posta ta' Malta fis-16 ta' Mejju 1972 ħarġet sett ta' tmien bolol iddisinjati minn George M Pace, uffiċjal tal-Posta. Il-valur tal-bolla huwa l-istess skont il-munita li tidher fuq kull bolla. Għalhekk il-bolol kellhom il-valur ta' 2m, 3m, 5m, 1c, 2c, 5c, 10c u 50c. Dan is-sett ma baqax jintuża wara l-31 ta' Marzu 1973 meta ħareġ l-ewwel sett definittiv tad-deċimali.

## BOLOL QODMA B'VALUR ĠDID

Meta ħareġ l-aħħar sett instab li kien hemm żewġ valuri nieqsa li kien hemm bżonnhom għall-użu postali ta' kuljum: dik taċ-1c3 għal Malta u tat-3c għall-Ingilterra. Għalhekk il-Posta ddeċidiet li tuża tliet bolol qodma mis-sett storiku ta' l-1965 u tibdel il-valur tagħhom f'dak deċimali. B'hekk fit-30 ta' Settembru ħarġu tliet bolol antiki bil-valur tagħhom mibdul f'dak deċimali: dik tal 5d ġiet ittimbrata li tiswa 1c3, tat-8d saret 3c u tax-1/3 saret 5c.




## EWROPA 1972




It-tieni sett tal-Ewropa ħareġ fil-11 ta' Novembru b'disinn komuni f'sittax-il pajjiż. Id-disinn minn Paavo Huovinen mill-Fillandja jissimbolizza l-kooperazzjoni qawwija internazzjonali milħuqa mill-membri tas-CEPT – Il-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet tal-Posta u t-Telekomunikazzjoni. Dan kien riżultat tal-informazzjoni u messaġġi li jgħaddu bejn il-pajjiżi membri permezz tal-posta u t-telefon. B'hekk is-CEPT turi l-impenn tagħha li ttejjeb il-faċilitajiet u s-servizzi ta' komunikazzjoni biex tikber l-għaqda fid-dinja. Il-bolol kienu taċ-1c3, tat-3c, tal-5c u tas-7c5. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19. Għal First Day Cover ta' Bolol Maltin ibgħat 20 bolla fl-indirizz ta' hawn taħt.***

# KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Liema tnejn mill-bolol li hawn f'dan l-artiklu għoġbuk l-iżjed? Għid għaliex.**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Ottubru kienu:**

1. **Antoinette Agius, 7, Triq Rokku Buhagiar, Qrendi QRD1013**
2. **Kimberly Galea, 1, Triq il-Ġużepp, Imġarr MĠR2321**
3. **Patrick Slattery, 95, Triq l-Għelejjel, Gudja.**





# IL-ĠENITURI LI JFISSDU!



Omm tirrakkonta kif hi tfissed: "Dan il-fatt li jiena nfissed lil uliedi darba laqtitni bħal truck meta kont qegħda f'nofs il-panic ta' filgħodu li s-subien ta' seba'u ta' disa' jilbsu għall-iskola. Biex jilbsu malajr, kelli l-idea li l-uniformi nagħmilhilhom fuq il-'cloth warmer', allura huma mill-pygama sħuna kienu jilbsu ħwejjeġ sħan.

Din ħadmet għal diversi ġimgħat, sakemm darba anki jiena qomt tard u ma laħħaqtx għamilthom fuq il-warmer u t-tfal kellhom jilbsu l-ħwejjeġ kesħin! "Ma rridtx nilbes din! Mhux sħun! Trid issaħħanli l-ħwejjeġ biex nilbes!" Tgħidx kemm hewdint b'xeni ta' dawn iż-żewġ subien ħelwin li se jikbru biex ikunu rġiel imfisda u qerrieda li dejjem iridu li marthom issaħħnilhom il-ħwejjeġ kull filgħodu. X'għamilt b'idejja!"

Dr Bettner tgħid ċar u tond: **"Il-fsied hu epidemija. Aħna qegħdin inrabbu l-aktar ulied infisdin f'ġenerazzjonijiet. Il-gazzetti jiffukkaw fuq abbużi u neglect bħala l-ewwel kawża li tagħmel ħsara lit-tfal. Imma naħseb li l-fsied żejjed jiġi t-tieni kawża."**

Omm ftit ilu qaltli li **"meta xi ħaġa tinkiser id-dar, it-tfal jistennew li nġibu waħda ġdida mill-ewwel. M'hemm l-ebda sens ta' telf. Bħal donnha mbeżża' li t-tfal ikollhom xi disappunti, allura ngħaddu ħafna ħin nipproteġuhom."** Semmietli wkoll li minkejja li tbiddel l-affarijiet li jkunu nkisru, tirrealizza li qegħda tagħmlilhom il-ħsara. Trid li t-tfal jikbru ndipendenti u li jkunu jifhmu xi tfisser tgħid grazzi. Dr Bettner tgħid li l-ġenituri llum huma konfusi, għax għandhom intenzjonijiet tajbin ħafna, imma ma jarawx li dak li jagħmlu jista jkun irresponsabbli.

Kif infissru fsied? L-aktar risposta straightforward hija meta inti qegħda tagħmel xi ħaġa għat-tifel, li t-tifel jista' jagħmilha waħdu. Tinvolvi wkoll sens ħażin ta' dak

li jiġi jew huwa bi dritt u bid-dikjarar.

Ftit eżempji li l-ġenituri jħobbu jagħmlu:

- Tqajjem it-tfal filgħodu
- Tgħinhom jilbsu
- Tfittex dak li ntilfilhom
- Tippakkjalhom il-lunch fil-baskett
- Tgħinhom il-ħin kollu fil-homework
- Tfakkarhom il-ħin kollu
- Tbiddel dak li jkun inkiser
- Tixtri rigali li ma jkunx ħaqqhom

Meta dan l-għemil ikun ħafna frekwenti, il-ġenituri jkunu qegħdin inaqqsu l-opportunità li t-tfal jikbru ndipendenti u ferm aktar inkunu qegħdin inneħħulhom r-responsabbiltà.

Hemm diversi teoriji li jispjegaw għaliex il-ġenituri jfisdu lil uliedhom. Butler jikteb li b'iktar familji b'żewġ pagiet, il-fattur tal-ħtija jidħol ħafna. Kif ukoll familji b'inqas tfal huwa fattur ieħor. Butler jikteb ukoll li l-kultura tagħna tippromwovi iktar drittijiet milli dmirijiet, kif ukoll li dawn iridu jiġu moqdija malajr kemm jista' jkun.

Hemm diversi modi kif il-ġenituri jistgħu joħolqu iktar bilanċ. Dr Bettner tagħti suġġeriment biex il-ġenituri jpoġġu bilqegħda ma' uliedhom u jibdew il-proċess billi jgħidulhom li għamlu żball – b'hekk l-attenzjoni tat-tfal tkun hemm żgur! Tgħidilhom li sa issa żammejtuhom trabi, imma issa jafu li jeħtieġ li jikbru. Se jibdew jagħmlu iktar affarijiet weħidhom u se jibdew jieħdu iktar responsabbiltajiet għalihom.

Hemm ċerti ħwejjeġ li l-ġenituri se jsibuha diffiċli li jitilqgħu minn idejhom. Bħal tfal li jimxu għall-iskola, jistennew il-karozza, jsajru, minħabba issues ta' saħħa u sigurtà. M'hemmx bżonn li wieħed jibda minn ħwejjeġ kbar, imma li tibda u tkompli.

Mela:

- Inti tagħmel biċċa xogħol.
- Inti tagħmel biċċa xogħol u t-tifel jgħinek.
- It-tifel jagħmel biċċa xogħol u inti tgħinu.
- It-tifel jagħmel il-biċċa xogħol waħdu.

Allura x'nagħmlu jekk it-tifel nesa' l-vjolin jew il-lunch id-dar? Dr Bettner ma tagħtix suġġeriment li t-tifel jibqa' bil-ġuħ. Iċ-ċavetta kollha qegħda filli t-tifel jifhem li dan mhux sewwa. }add ma hu perfett, imma t-tifel irid jifhem li hemm konsegwenzi. Allura l-vjolin, il-lunch neħduh l-iskola, imma fiehem lit-tifel li bit-traskuraġni, inħela ħin prezzjuż minn tiegħek u hu issa jrid irodd lura ftit mill-ħin. Irridu niftakru li jekk tfissed it-tifel b'tali mod li anki lilek idejjaq, qiegħed turi disrispett lilek innifsek ukoll.

Ċertament li meta t-tifel jibda miexi waħdu, l-feedback posittiv ma jridx jonqos. Agħti kumplimenti għal efforts li jkunu saru u ffoka fuq dak li sar tajjeb aktar milli l-iżbalji li jkun hemm.

Trid perseveranza u enerġija biex il-ġenituri jaqilgħu t-tfal minn għemil li hu ta' fsied. Din hi l-iktar parti iebsa u trid repetizzjoni kontinwa. Anki l-aktar ġenituri li għandhom rieda tajba li jbiddlu dan l-għemil se jinqabdu fuq sieq waħda u jħossu li l-ħaġa ssir iktar malajr jekk jagħmluha huma.

Il-ġenituri jridu dejjem jistaqsu lilhom infushom, "x'kwalitajiet irrid li t-tifel tiegħi ikollu u jekk hux qed nipprova npoġġi dawn il-kwalitajiet fih?" •



# ROKNA GHAT-TFAL

## Aħseb u wieġeb

1. Dak li jakkużakom huwa: Mosé, il-Missier, Pietru. (Ġw 5,45)
2. Dan qal li l-Mulej iqajmilkom profeta: David, Elija, Mosé. (Atti 3,22)
3. L-għadd ta' l-anġli kien: Għaxriet, mijjiet, eluf ta' eluf. (Apk 5,11)
4. Kemm kienet ilha marida l-mara: Sena, sitt snin, tnax-il sena. (Mt 9,20)
5. Min daħal jiżfen: Bint Erodja, il-Maddalena, Timna. (Mk 6,22)
6. Marija baqgħet ma' Eliżabetta: Sitt xhur, tliet xhur, sena. (Lq 1,56)
7. Ħafna nies marru wara Ġesù għax: Kien jiċċajta, ifejjaq il-morda, iqassam il-ħelu. (Ġw 6,2)
8. Żammewhom il-ħabs: Sa l-għada, jumejn, ġimgħa. (Atti 4,3)
9. Hekk wieġbu l-Ħlejjaq Ħajjin: Bravu, Ħallelujah, Amen. (Apk 5,14)
10. Jekk immiss il-libsa tiegħu: Infiq, min jaf, għal xejn. (Mt 9,21)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GHAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-Rebbieħa ta' Ottubru 08 hija: Roberta Vella – Żurrieq. Nifirħulek!**

# TISLIBA - 85



1. Inti kbir bil-*ħafna*. (S 104,1) **(5)**
2. Hekk għamlu ma' min jifraħ. (Rum 12,15) **(6)**
3. ...wara l-oħra. (Għam 4,3) **(5)**
4. Intom għożża u din tiegħi. (Fil 4,1) **(5)**
5. Din tal-Għid. (Lq 22,11) **(4)**
6. Dawn huma foloz. (Eżek 8,10) **(5)**
7. Hekk għamel Abel hu ukoll. (Ġen 4,4) **(5)**
8. U waslu sa dan il-wied. (Dt 1,24) **(5)**
9. Rikeb u xi ħaġ'oħra. (2 Sam 22,11) **(3)**
10. Tal-flawt dawn. (Mt 9,23) **(7)**
11. u 12. ... tan-newl. (Mħ 16,14) **(6)**
13. Nabukodonosor sultan tagħhom. (Ġdt 1,1) **(6)**
14. Dawn, pwali u bwieqi. (2 Kron 4,11) **(5)**
15. Kull... u rifda. (Is 3,1) **(5)**
16. Dawn m'għandhomx frott. (Ġuda 12) **(5)**
17. X'jiġrilhom il-muntanji. (Mik 1,4) **(5)**
18. Ma nilqax *għotjiet*. (Mal 1,10) **(7)**
19. Il-ġust biha jgħix. (Lhud 10,38) **(4)**
20. Hekk inti ta' kollox. (Għerf 12, 16) **(3)**
21. Skond l-......... tas-sultan. (1 Mak 3,39) **(5)**
22. Bniedem t'Alla, *skarta* dan kollu. (1 Tim 6,11) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' OTTUBRU 08:**
***1. u 11. Mitredat; 2. Drawwa; 3. Aħbar; 4. Qabar; 5. Beri; 6. Baħar; 7. Ifraħ; 8. Asera; 9. Raw; 10. Aħażija; 11. Ara 1.; 12. Rah; 13. Absint; 14. Ateni; 15. Agabu; 16. Tribù; 17. Irdum, 18. Tgergir; 19. Edom; 20. Sur; 21. Nħobb; 22. Bintu.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-Rebbieħ ta' Ottubru 08 huwa: R. Chircop – St. Paul's Bay. Nifirħulek!**



# XMUN IL-KANGĦANI U ĠUDA TADDEW

## DIXXIPLI TA' ĠESÙ



Il-Q.T. Benedittu XVI meta jiġi biex jitkellem dwar Xmun il-Kangħani (il-Kanani) jgħarrafna li dan kien ukoll magħruf bħal l-Imħeġġeġ)**, għaliex dan Xmun , jekk forsi ma kienx direttament membru fil-moviment nazzjonalista ta' l-Imħeġġin, imma hu magħruf għall-ħeġġa tiegħu għall-identità Lhudija, għaldaqstant għal Alla, għal niesu u għal-Liġi Divina.

Il-Papa jħoss li jekk Xmun kien tali allura kien ferm oppost għal Mattew li, bħala bniedem li jiġbor it-taxxi, kien meqjus bħala impur, mniġġes. U dan kollu huwa xhieda ċara li Ġesù ma ried iħalli barra lil ħadd... sejjaħ lill-Appostli u lid-dixxipli tiegħu minn kull qasam soċjali u minn kull qasam reliġjuż. Ġesù kien jinteressawH biss in-nies u mhux mil-liema kategorija jew timbru soċjali ġew... ma ried iħalli barra lil ħadd. Il-fidili kollha tiegħu, għalkemm differenti minn xulxin, għexu flimkien, u għelbu d-diffikultajiet kollha li wieħed jista' jobsor. Ġesù kien il-mezz li jgħaqqad lil kulħadd. U dan, skond il-Papa, hu l-kontra li nagħmlu aħna... li nagħtu każ wisq ta' dak li jifridna, nagħtu każ wisq tal-kuntrasti ta' bejnietna... u ninsew li f'Ġesù Kristu aħna nsibu dak kollu li jista' jgħaqqadna, dak kollu li jista' jgħinna negħlbu d differenzi ta' bejnietna.

Meta jiġi biex iħares lejn Ġuda, il-Qdusija Tiegħu ifakkarna li l-isem Taddew ifisser 'ġeneruż ħafna'. Il-mistoqsija li dan għamel lis-sinjur tagħna matul l-Aħħar Ċena: **"Mulej, din kif inhi li int se turi ruħek lilna u mhux lid-dinja?"** kellha din ir-risposta mingħand Ġesù: **"Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu m'hijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni...."** Hija tweġiba ndiretta, li skond il-Papa, turi verità importanti: li l-manifestazzjoni ta' Ġesù lill-Appostli tiegħu mhiex xi ħaġa li għandha x'taqsam ma' barra 'mma ġewwienija... kkundizzjunata mill-imħabba ta'l-istess dixxiplu. Benedittu XVI jitkellem dwar il-fatt li waħda mill-Ittri tat-Testment il-Ġdid, li hi meqjusa li hi ta' San Ġuda Taddew, għandha l-għan prinċipali li twissi lil

l-Insara minn dawk kollha li jużaw il-grazzja t'Alla bħala pretest għall-immoralità tagħhom infushom u jagħtu direzzjoni ħażina lil ħuthom b'tagħlim qarrieqi li jqajjem firda fil-Knisja.

Hawnhekk il-Qdusija Tiegħu jfakkarna li għalkemm dan iż-żmien ma tantx għadna midħla ta' kitba li uża San Ġuda, kitba li biha wieħed jitkellem ċar u tond ma' min ma jaqbilx miegħu, kitba stil poetiku mimlija b'ħafna xbihat figurattivi, madankollu, kif ngħidu bil-Malti... taqta' fil-laħam il-ħaj... bejn dak li hu ċar fir-reliġjon Nisranija u dak li ma jaqbelx magħha. Il-Papa jistqarr li t-triq tat-tolleranza u tad-djalogu, li ħa l-Konċilju Vatikan II għandha titkompla b'fermezza u kontinwità. Imma, fl-istess waqt, iwissina li ma għandniex inwarrbu d-dmir li naħsbu u nenfasizzaw dak kollu li jagħtina x-xeħta Nisranija tagħna, xeħta li mhiex sempliċiment kulturali, imma li għandna bżonn ta' konvinzjoni qawwija, ċara u mill-aktar qalbiena. •

***(tifsira fil-Bibbja,mill-Għaqda Biblika, turina li il-Kanani: Lq 6:15; zelotes, traduzzjoni tal-kelma Aramajka, Kanawi, għajjur, imħeġġeġ)***



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall ispejjeż tas seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**